We felt we were brothers, not only on the basis of words and historical events, but from the depths of the soul; that we were united by the common faith of the Apostles ever in our thoughts and personal feelings.

We experienced a profound unity in faith, and we pray to the Lord yet more insistently that he will quickly also grant full unity in the common breaking of the Bread.

My deep gratitude and fraternal prayers are addressed at this time to Patriarch Bartholomew and his faithful, as well as to the various Christian communities which I was able to meet in Istanbul. Let us hope and pray that religious freedom, which corresponds with the intimate nature of faith and is recognized in the principles of the Turkish Constitution, may find in suitable juridical forms, as well as in the daily life of the Patriarchate and the other Christian communities, an increasingly practical fulfillment.

"Et erit iste pax" -- this will be peace, the Prophet Micah says (5: 4) about the future ruler of Israel, whose birth in Bethlehem he announces. The Angels said to the shepherds grazing their flocks in the fields around Bethlehem: "on earth peace among men", the expected One has arrived (Lk 2: 14).

He himself, Christ, the Lord, said to his disciples: "Peace I leave with you; my peace I give to you" (Jn 14: 27). It is from these words that the liturgical greeting developed: "Peace be with you".

This peace that is communicated in the liturgy is Christ himself. He gives himself to us as peace, as reconciliation beyond all frontiers. Wherever he is welcomed, islands of peace develop. We human beings would have liked Christ to banish all wars once and for all, to destroy weapons and establish universal peace. But we have to learn that peace cannot be attained only from the outside with structures, and that the attempt to establish it with violence leads only to ever new violence.

We must learn that peace -- as the Angel of Bethlehem said -- is connected with eudokia, with the opening of our hearts to God.

We must learn that peace can only exist if hatred and selfishness are overcome from within. The human being must be renewed from within, must become new and different. Thus, peace in this world always remains weak and fragile. We suffer from this. For this very reason we are called especially to let ourselves be penetrated within by God's peace and to take his power into the world. All that was wrought in and through the Sacrament of Baptism must be fulfilled in our lives: the dying of the former self, hence, the rebirth of the new. And we will pray to the Lord insistently over and over again: Please move hearts! Make us new people! Help the reason of peace to overcome the irrationality of violence! Make us bearers of your peace!

May the Virgin Mary, to whom I entrust you and your work, obtain this grace for us. I extend to each one of you present here and to all your loved ones, my most fervent good wishes, and as a sign of our joy, tomorrow will be a free day for the Curia to prepare well, physically and spiritually, for Christmas. I impart my Apostolic Blessing with affection to the collaborators of the various Dicasteries and Offices of the Roman Curia and of the Governatorate of Vatican City State. Merry Christmas and very many good wishes also for the New Year!

Friday, 22 December 2006

# Homily of His Holiness Benedict XVI on Ash Wednesday in the Basilica of Santa Sabina on the Aventine Hill

*Dear Brothers and Sisters,*

With the penitential procession we have entered into the austere climate of Lent and, beginning the Eucharistic celebration, we have just prayed to the Lord to help the Christian people "to begin the journey of true conversion in order to victoriously face, with the arms of penance, the battle against the spirit of evil" (cf. Collect).

In a short while, by receiving ashes on our head, we will hear once again a clear invitation to conversion which can be expressed with a double formula: "Turn away from sin and be faithful to the Gospel", or: "Remember, man, that you are dust and unto dust you will return".

Precisely due to the richness of the symbols and of the biblical and liturgical texts, Ash Wednesday is considered the "door" to Lent. In effect, today's liturgy and the gestures that mark it, together form, in anticipation and in a synthetic way, the very physiognomy of the entire period of Lent.

In her tradition, the Church does not limit herself to offering us liturgical and spiritual themes for the Lenten journey, but also points out to us ascetical instruments and practices to benefit from them.

"Return to me with your whole heart, with fasting, and weeping and mourning". The First Reading opens with these words of the Prophet Joel (2: 12). The suffering and calamities that afflicted the land of Judah in that time impel the sacred author to encourage the Chosen People to conversion, to return, that is, with filial trust to the Lord, rending their hearts and not their garments.

The prophet recalls, in fact, that God "is gracious and merciful, slow to anger, rich in kindness and relenting in punishment" (2: 13). Joel's invitation, addressed to his listeners, also applies to us, dear brothers and sisters. Let us not hesitate to rediscover the friendship of God lost by sin; encountering the Lord, we experience the joy of his forgiveness.

And so, almost responding to the words of the Prophet, we have made our own the invocation of the Responsorial Psalm: "Be merciful, O Lord, for we have sinned". Proclaiming Psalm 50, the great penitential Psalm, we appeal to divine mercy, we ask the Lord that by the power of his love he give us the joy of being saved.

With this spirit we begin the "acceptable time" of Lent, as St Paul reminds us in the Second Reading, to allow ourselves to be reconciled with God in Christ Jesus.

The Apostle introduces himself as an ambassador of Christ and clearly shows precisely how, in virtue of Christ, the sinner - that is each one of us - is offered the possibility of authentic reconciliation. "For our sakes God made him who did not know sin" he said, "to be sin, so that in him we might become the very holiness of God" (II Cor 5: 21).

Only Christ can transform every situation of sin into newness of grace. This is why the spiritual exhortation of Paul, addressed to the Christians of Corinth, has a strong impact: "We implore you in Christ's name: be reconciled to God"; and again: "Now is the acceptable time! Now is the day of salvation!" (5: 20; 6: 2).

While Joel spoke of the future day of the Lord as a day of terrible judgment, St Paul, referring to the words of the Prophet Isaiah, speaks of the "acceptable time", of the "day of salvation". The future day of the Lord has become the "today". The terrible day is transformed by the Cross and Resurrection of Christ into the day of salvation. And this day is now, as we have heard in the Gospel verse: "If today you hear the voice of the Lord, harden not your hearts". The call to conversion, to penance, resounds today with all its strength, so that its echo accompanies us in every moment of life.

The Ash Wednesday liturgy indicates the fundamental dimension of Lent in the conversion of the heart to God. This is the evocative message contained in the traditional Rite of Ashes, which we will renew shortly.

It is a rite with a double meaning: the first is related to interior change, to conversion and penance, while the second recalls the precarious human condition, as it is easy to understand from the two different formulas that accompany the gesture.

Here in Rome, the penitential procession of Ash Wednesday begins at the Church of Sant'Anselmo and concludes in this Basilica of Santa Sabina, where the first station of Lent takes place.

In regard to this it is interesting to remember that the ancient Roman Liturgy, through the Lenten Stations, elaborated a singular geography of faith, starting from the idea that, with the arrival of the Apostles Peter and Paul and with the destruction of the Temple, Jerusalem was transferred to Rome.

Christian Rome was understood as a reconstruction of the Jerusalem of the time of Jesus within the walls of the City.
This new interior and spiritual geography, inherent in the tradition of the Lenten Station Churches, is not simply a memory of the past, nor an empty anticipation of the future; on the contrary, it intends to help the faithful along the interior journey, the journey of conversion and reconciliation, in order to reach the glory of the heavenly Jerusalem where God dwells.

Dear brothers and sisters, we have 40 days to deepen this extraordinary ascetical and spiritual experience. In the Gospel that has been proclaimed, Jesus indicates some of the useful instruments to accomplish an authentic interior and communitarian renewal: the works of charity (almsgiving), prayer and penance (fasting).

They are the three fundamental practices also dear to the Hebrew tradition, because they contribute to the purification of man before God

(cf. Mt 6: 1-6, 16-18). Such exterior gestures, which are done to please God and not to obtain the approval and consensus of men, are acceptable to him if they express the determination of the heart to serve him with simplicity and generosity.

One of the Lenten Prefaces also reminds us of this with regards to fasting, as we read this singular expression: "*ieiunio... mentem elevas*: with fasting the spirit is raised" (Preface IV).

Fasting, to which the Church invites us in this particular season, certainly is not motivated by the physical or aesthetical order, but stems from the need that man has for an interior purification that detoxifies him from the pollution of sin and evil; it educates him to that healthy renunciation which releases the believer from the slavery to self; that renders him more attentive and open to listen to God and to be at the service of the brethren.

For this reason fasting and the other Lenten practices are considered the traditional Christian spiritual "arms" used to fight evil, unhealthy passions and vice. Concerning this, I would like to listen, together with you, to a brief comment of St John Chrysostom.

"As at the end of winter", he writes, "the summer season returns and the navigator launches his boat into the sea, the soldier polishes his arms and trains the horse for battle, the farmer sharpens the scythe, the wayfarer strengthened, continues his journey, and the athlete sets aside his vestments and prepares for the race; so we too, at the start of this fast, like returning to a spiritual springtime, we polish the arms like the soldiers, we sharpen the scythe like the farmers, and as mariners we launch the boat of our spirit to confront the waves of senseless passions, like the wayfarer we continue the journey to heaven, and as the athlete we prepare ourselves for the fight by totally setting aside everything" (cf. *Homily to the People of Antioch*, n. 3).

In the Message for Lent I extended the invitation to live these 40 days of special grace as a "Eucharistic" time. Drawing from the inexhaustible font of love that the Eucharist is, in which Christ renews the redemptive

sacrifice of the Cross, each Christian can persevere on the journey that we solemnly begin today.

The works of charity (almsgiving), prayer, fasting, together with every sincere effort of conversion, find their most lofty significance and value in the Eucharist, centre and culmination of the life of the Church and the history of salvation.

"May this Sacrament that we have received, O Father", we will pray at the end of Holy Mass, "sustain us on our Lenten way, make holy our fasting and render it efficacious to heal our spirit". We ask Mary to accompany us so that, at the end of Lent, we may contemplate the Risen Lord, interiorly renewed and reconciled with God and our brethren. Amen!

*21 February 2007*

# Address of His Holiness Benedict XVI to the Participants in the General Assembly of the Pontificial Academy for Life

*Dear Brothers and Sisters,*

It is a true joy for me to receive the Members of the Pontifical Academy for Life in this Audience, held on the occasion of the 13th General Assembly, and those who are participating at this Congress on the theme: "*The Christian conscience in support of the right to life*".

I greet Cardinal Javier Lozano Barragán, the Archbishops and Bishops present, brother priests, the Congress speakers and all of you, gathered from various countries. I greet in particular, Archbishop Elio Sgreccia, President of the Pontifical Academy for Life, whom I thank for the kind words addressed to me and for the work he does together with the Vice-President, the Chancellor and the Board of Directors who carry out the delicate and vast tasks of the Pontifical Academy.

The theme to which you have called the participants' attention, and therefore also that of the Ecclesial Community and of public opinion, is very significant: the Christian conscience, in fact, has an internal need to nourish and strengthen itself with the multiple and profound motivations that work in favour of the right to life.

It is a right that must be sustained by all, because it is the first fundamental right of all human rights. The Encyclical *Evangelium Vitae* strongly affirms this: "Even in the midst of difficulties and uncertainties, every person sincerely open to truth and goodness can, by the light of reason and the hidden action of grace, come to recognize in the natural law written in the heart (cf. Rom 2: 14-15) the sacred value of human life from its very beginning until its end, and can affirm the right of every human being to have this primary good respected to the highest degree. Upon the recognition of this right, every human community and the political community itself are founded" (n. 2).

The same Encyclical recalls that "believers in Christ must defend and promote this right, aware as they are of the wonderful truth recalled by the Second Vatican Council: "By his Incarnation the Son of God has united himself in some fashion with every human being' (*Gaudium et Spes,* n. 22). This saving event reveals to humanity not only the boundless love of God who "so loved the world that he gave his only Son' (Jn 3: 16), but also the incomparable value of every human person" (*ibid.*).

Therefore, the Christian is continually called to be ever alert in order to face the multiple attacks to which the right to life is exposed. In this he knows that he can count on motives that are deeply rooted in the natural law and that can therefore be shared by every person of upright conscience.

In this perspective, above all after the publication of the Encyclical *Evangelium Vitae,* much has been done to make the subject matter of these motivations better known in the Christian community and in civil society, but it must be admitted that the attacks on the right to life throughout the world have broadened and multiplied, also assuming new forms.

The pressures to legalize abortion are increasing in Latin American countries and in developing countries, also with recourse to the liberalization of new forms of chemical abortion under the pretext of safeguarding reproductive health: policies for demographic control are on the rise, notwithstanding that they are already recognized as dangerous also on the economic and social plane.

At the same time, the interest in more refined biotechnological research is growing in the more developed countries in order to establish subtle and extensive eugenic methods, even to obsessive research for the "perfect child", with the spread of artificial procreation and various forms of diagnosis tending to ensure good selection.

A new wave of discriminatory eugenics finds consensus in the name of the presumed well-being of the individual, and laws are promoted especially in the economically progressive world for the legalization of euthanasia.

All of this comes about while, on another front, efforts are multiplying to legalize cohabitation as an alternative to matrimony and closed to natural procreation.

In these situations the conscience, sometimes overwhelmed by the powerful collective media, is insufficiently vigilant concerning the gravity of the problems at play, and the power of the strongest weakens and seems to paralyze even people of good will.

For this reason it is necessary to appeal to the conscience, and in particular, to the Christian conscience. The *Catechism of the Catholic Church* tells us, "Conscience is a judgment of reason whereby the human person recognizes the moral quality of a concrete act that he is going to perform, is in the process of performing or has already completed. In all he says and does, man is obliged to follow faithfully what he knows to be just and right" (n.1778).

From this definition it emerges that the moral conscience, to be able to judge human conduct rightly, above all must be based on the solid foundation of truth, that is, it must be enlightened to know the true value of actions and the solid criteria for evaluation. Therefore, it must be able to distinguish good from evil, even where the social environment, pluralistic culture and superimposed interests do not help it do so.

The formation of a *true* conscience, because it is founded on the truth, and *upright,* because it is determined to follow its dictates without contradictions, without betrayal and without compromises, is a difficult and delicate undertaking today, but indispensable.

Unfortunately, many factors hinder this undertaking. In the first place, in the current phase of secularization, called post-modern and marked by disputable forms of tolerance, not only is the rejection of Christian tradition growing, but distrust for the capacity of reason to perceive the truth also distances us from the taste for reflection.

According to some, for individual conscience to be unbiased it must free itself both from references to tradition and those based on human reason.

Hence, the conscience, which as an act of reason aims at the truth of things, ceases to be light and becomes a simple screen upon which the society of the media projects the most contradictory images and impulses.

One must be re-educated to the desire to know authentic truth, to defend one's own freedom of choice in regard to mass behaviour and the lures of propaganda, to nourish passion for moral beauty and a clear conscience. This is the delicate duty of parents and educators who assist them; and it is the duty of the Christian community with regard to its faithful.

Concerning the Christian conscience, its growth and nourishment, one cannot be content with fleeting contact with the principal truths of faith in infancy, but a programme of accompaniment is necessary along the various stages of life, opening the mind and the heart to welcome the fundamental duties upon which the existence of the individual and the community rest.

Only in this way will it be possible to prepare youth to comprehend the values of life, love, marriage and the family. Only in this way can they be brought to appreciate the beauty and the sanctity of the love, joy and responsibility of being parents and collaborators of God in giving life.

In the absence of a continuous and qualified formation, the capacity for judgment of the problems posed by biomedicine in the areas of sexuality, new-born life, procreation, and also in the way to treat and care for patients and the weaker sectors of society, becomes even more problematic.

It is certainly necessary to speak about the moral criteria that regard these themes with professionals, doctors and lawyers, to engage them to elaborate a competent judgment of conscience, and if need be, also a courageous objection of conscience, but an equal need rises from the basic level for families and parish communities in the process of the formation of youth and adults.

Under this aspect, next to Christian formation, whose aim is the knowledge of the Person of Christ, of his Word and Sacraments in the

itinerary of faith of children and adolescents, one must consistently fuse the discourse on moral values that regard the body, sexuality, human love, procreation, respect for life at every moment, at the same time with valid and precise motives, reporting behaviour contrary to these primary values.

In this specific field the work of priests must be opportunely flanked by the commitment of lay educators, also specialists, dedicated to the duty to guide the ecclesial reality with their knowledge enlightened by faith.

Therefore, I ask the Lord to send among you, dear brothers and sisters, and among those dedicated to science, medicine, law and politics, witnesses endowed with true and upright consciences in order to defend and promote the "splendour of the truth" and to sustain the gift and mystery of life.

I trust in your help dearest professionals, philosophers, theologians, scientists and doctors. In a society at times chaotic and violent, with your cultural qualifications, by teaching and by example, you can contribute to awakening in many hearts the eloquent and clear voice of conscience.

The Second Vatican Council teaches us that "man has in his heart a law inscribed by God. His dignity lies in observing this law, and by it he will be judged" (*Gaudium et Spes,* n. 16). The Council has offered wise directives so that "the faithful should learn to distinguish carefully between the rights and the duties which they have as belonging to the Church and those which fall to them as members of the human society", and "they will strive to unite the two harmoniously, remembering that in every temporal affair they are to be guided by a Christian conscience, since not even in temporal business may any human activity be withdrawn from God's dominion" (*Lumen Gentium,* n. 36).

For this very reason the Council exhorts lay believers to welcome "what is decided by the Pastors as teachers and rulers of the Church", and then recommends that "Pastors... should recognize and promote the dignity and responsibility of the laity in the Church. They should willingly use their prudent advice" and concludes that "[m]any benefits for the Church

are to be expected from this familiar relationship between the laity and the Pastors" (cf. *Lumen Gentium,* n. 37).

When the value of human life is at stake, this harmony between the magisterial function and the committed laity becomes singularly important: life is the first good received from God and is fundamental to all others; to guarantee the right to life for all and in an equal manner for all is the duty upon which the future of humanity depends. The importance of your study meeting emerges also from this perspective.

I entrust the work and the results to the intercession of the Virgin Mary, whom the Christian tradition hails as the true "Mother of all the living". May she assist and guide you! To seal this wish I willingly impart to all of you, to your families and collaborators, the Apostolic Blessing.

*Clementine Hall*
*Saturday, 24 February 2007*

# DOKUMENTI MILL-KURJA

## IL-JUM DINJI TAL-PAĊI 2007
## Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

### Il-qalb tal-paċi huwa l-bniedem

Il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI, għall-Jum Dinji tal-Paċi tas-sena l-ġdida 2007 qed iwassal ix-xewqat tiegħu ta' paċi lil kulħadd: lill-gvernijiet, mexxejja ta' nazzjonijiet u rġiel u nisa ta' rieda tajba. Huwa jitlob li jkollhom paċi dawk kollha li qed ibatu, li huma mhedda mill-vjolenza, u dawk li għandhom id-dinjità tagħhom imkasbra. Juri wkoll it-tħassib tiegħu dwar it-tfal li l-futur tagħhom huwa kompromess mill-esplojtazzjoni u l-qerq ta' min hu bla ebda skruplu. F'dan il-Messaġġ tiegħu ta' paċi, il-Q.T. il-Papa jipproponilna nħarsu lejn il-Persuna Umana, li hija l-Qalb tal-Paċi. Huwa r-rispett għall-persuna li jġib il-paċi.

L-Iskrittura tgħallimna li huwa Alla li ħalaq l-bniedem, raġel u mara. Huwa ħalaqhom xbiha tiegħu. Kull individwu uman għandu d-dinjità ta' persuna; ir-raġel kif ukoll il-mara mhumiex oġġett, iżda persuna u għalhekk ħadd ma jista' jiddisponi mill-persuna kif irid. Fost ħwejjeġ oħrajn, il-persuna għandha l-kapaċità li tidħol f'komunjoni ma' oħrajn u taħdem għall-progress tad-dinja fil-ġustizzja u l-paċi. Għandha wkoll il-kapaċità li, permezz tal-grazzja, tidħol f'relazzjoni ma' Alla li ħalaqha u twieġbu li hija temmen fiH u tħobbu.

Il-Q.T. il-Papa jgħidilna li l-paċi hija don, rigal ta' Alla. Fl-istess ħin, hija wkoll ħidma tal-bniedem: huwa dover, dmir tal-bniedem li jaħdem għall-paċi. Santu Wistin jgħallimna li, "Alla ħalaqna mingħajr l-għajnuna tagħna, iżda ma għażilx li jsalvana mingħajr il-koperazzjoni tagħna."

### Id-dritt għall-ħajja

Il-Knisja tiddefendi d-drittijiet fundamentali ta' kull persuna. B'mod partikolari, jgħid il-Papa, il-Knisja tmexxi 'l quddiem u tiddefendi r-rispett għall-ħajja u l-liberta' reliġjuża ta' kulħadd.

Benedittu XVI isostni li r-rispett lejn id-dritt tal-ħajja f'kull stadju tagħha jistabbilixxi fis-sod prinċipju ta' importanza deċiżiva: il-ħajja hija don li min jirċevih ma jistax jagħmel bih kull ma jrid.

Fejn jidħol id-dritt għall-ħajja rridu nikkundannaw kull vjolazzjoni tiegħu fis-soċjetà: ħdejn il-vittmi tal-konflitti armati, terroriżmu u l-forom differenti tal-vjolenza, hemm l-imwiet siekta kaġunati mill-ġuħ, l-abort, l-esperimentazzjoni fuq embrijuni umani u l-ewtanasja.

Kif nistgħu nonqsu milli f'dan naraw attakk fuq il-paċi, jistaqsi l-Papa.

Benedittu XVI ifakkar li l-abort u l-esperimentazzjoni fuq l-embrijuni jfissru ċaħda diretta ta' l-attitudni li taċċetta lill-oħrajn, li hija indispensabbli biex il-bniedem ikun jista' jistabbilixxi relazzjonijiet dejjiema ta' paċi.

F'kontest lokali, kif aħna l-Isqfijiet Maltin kellna l-okkażjoni ngħidu fis-7 ta' Lulju li għadda, il-Knisja tapprezza l-isforzi li qed isiru biex ikun hemm liġi li tirregola l-kamp tal-bioetika f'Malta; liġi li hija meħtieġa li tgħaddi. Meta wieħed iqis il-mod kif żviluppat it-teknoloġija tal-prokreazzjoni assistita, wieħed iħoss li sar importanti ħafna li, ukoll f'pajjiżna, din it-teknoloġija tiġi regolata b'liġi li tħares id-drittijiet tan-neo-konċepiti, li ma tħalli ebda spazju għal azzjonijiet li jmorru kontra d-dinjità tal-bniedem u kontra l-funzjoni u l-jeddijiet li Alla ta lill-familja.

Fl-istess ħin, peress li fid-diskussjoni dwar meta tibda, eżattament, il-ħajja tal-bniedem, għad hemm min qed iqanqal dubju jekk il-ħajja umana tibdiex mal-penetrazzjoni ta' l-ispermatozoo fl-ovum, jew iktar tard mal-fużjoni tagħhom, hemm bżonn niftakru li li l-pożizzjoni uffiċjali tal-Knisja Kattolika hija ċara dwar din il-ħaġa: Il-mument li jagħti bidu għall-eżistenza ta' bniedem ġdid huwa meta l-ispermatozoo tippenetra l-bajda.

Tajjeb li nfakkru wkoll li dan it-tagħlim tal-Knisja ġie konfermat uffiċjalment fid-Dikjarazzjoni Finali tat-Tnax-il Assemblea Ġenerali ta'

l-Akkademja Pontifiċja għall-Ħajja, li ħarġet fit-23 ta' Marzu 2006. Din l-Akkademja Pontifiċja hija magħmula minn akkademiċi esperti f'din il-materja, magħżulin minn pajjiżi u minn denominazzjonijiet reliġjużi differenti.

## Elementi oħrajn

Fil-messaġġ tiegħu, il-Papa jsemmi wkoll li element fundamentali għall-bini tal-paċi huwa l-għarfien ta' l-ugwaljanza essenzjali tal-bnedmin, li toħroġ mid-dinjità naturali komuni tagħhom. Jisħaq ukoll kontra l-esplojtazzjoni tan-nisa li jigu trattati bħala oġġetti, u kontra n-nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità tal-mara.

Hemm, imbagħad, dik li l-Papa jsejjaħ bħala "l-ekoloġija tal-paċi". Jekk l-umanità verament tixtieq il-paċi, jgħid il-Papa, hija trid tagħraf dejjem iżjed ir-rabta li hemm bejn l-ekoloġija naturali, jew ir-rispett għan-natura, u l-ekoloġija umana. L-esperjenza turi li n-nuqqas ta' ħarsien ta' l-ambjent jagħmel dejjem ħsara lill-konvivenza umana, u wkoll bil-maqlub. Qed isir dejjem iżjed evidenti li hemm rabta inseparabbli bejn il-paċi mal-ħolqien u l-paċi fost il-bnedmin.

Benedittu XVI isostni li teżisti ħtieġa urġenti, ukoll fil-kwadru tad-diffikultajiet u t-tensjonijiet internazzjonali ta' żmienna, li jkun hemm impenn għal ekoloġija umana li tiffavorixxi t-tkabbir "tas-siġra tal-paċi".

Biex dan ikun jista' jseħħ, irridu niġu gwidati minn viżjoni tal-persuna li tkun ħielsa minn kull tebgħa ta' preġudizzju ideoloġiku jew kulturali, jew ta' interessi politiċi u ekonomiċi li jistgħu jnisslu l-mibegħda u l-vjolenza.

Il-Papa jsemmi wkoll li, fi żmienna, il-paċi hija mhedda mhux biss mill-konflitt bejn ċerti viżjonijiet dwar il-bniedem, fi kliem ieħor bejn ideoloġiji. Il-paċi hija wkoll mhedda mill-indifferenza dwar x'jikkostitwixxi n-natura vera tal-bniedem.

**Id-drittijiet tal-bniedem**

Biex id-dinja jkollha paċi vera u stabbli, irid ikun hemm rispett ħaj għad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, jekk l-għeruq ta' dawn id-drittijiet ikunu f'għarfien dgħajjef tal-persuna tal-bniedem, huma stess jispiċċaw dgħajfin.

Il-Papa, fil-messaġġ tiegħu, jisħaq li huwa biss jekk id-drittijiet tal-bniedem ikunu mibnija fuq il-ħtiġiet objettivi tan-natura li l-Ħallieq ta lill-bniedem, li l-istess drittijiet ikunu jistgħu jseħħu mingħajr biżgħa ta' kontradizzjoni.

Huwa veru li l-impenn biex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-bniedem insibuh imniżżel bħala "moral commitment" f'bosta dikjarazzjonijiet internazzjonali. Jingħad ukoll li dan l-impenn irid jiġi rispettat minn kulħadd. Madankollu, l-impenn awtentiku favur id-drittijiet tal-bniedem mhux garantit biżżejjed minn dawn id-dikjarazzjonijiet, mid-deċiżjonijiet ta' l-assembleji li japprovawhom. Jeħtieġ li l-impenn ikun bażat, mibni fuq il-vera natura tal-bniedem u d-dinjità inaljenabbli tiegħu kif maħluq minn Alla. Dan hu l-pedament, il-fundament tad-drittijiet tal-bniedem. Dan hu li jgħin biex jiġi evitat ir-riskju li sfortunatament dejjem hemm li jmilu għal interpretazzjoni biss pożittivistika.

Benedittu XVI juri n-niket tiegħu li l-għarfien li jeżistu drittijiet umani inaljenabbli li għandhom rabta man-natura umana komuni tagħna li jridu jiġu rispettati minn kull Stat, ukoll f'każ ta' gwerra, mhux dejjem qed ikollhom ir-rispett li jixirqilhom. Hekk ġara, per eżempju, fil-konflitt ta' ftit xhur ilu fil-Lebanon.

Hemm ukoll il-pjaga tat-terroriżmu.

Kull gwerra turi falliment min-naħa tal-komunità internazzjonali u tkun telfa gravi għall-umanità. Meta, minkejja kull sforz li jsir, tfaqqa' gwerra, almenu għandhom jitħarsu l-prinċipji essenzjali ta' l-umanità u l-valuri bażiċi kollha tal-koeżistenza ċivili. Għandu jkun hemm ukoll

kodiċi ta' mġiba li jrażżnu kemm jista' jkun l-qerda u jgħinu biex itaffu t-tbatija ta' nies ċivili u l-vittmi kollha tal-konflitt.

Rigward l-armi nukleari, il-Q.T. il-Papa jsejjaħ għal kull sforz possibbli biex flimkien ma' l-akkordi internazzjonali maħsubin biex irażżnu t-tixrid ta' dawn l-għodda terribbli tal-qerda, ikun hemm ukoll impenn determinat biex dawn l-armi jitnaqqsu u jiġu żarmati. Fin-nofs hemm il-ġejjieni tar-razza umana kollha kemm hi.

## Appell lill-Poplu ta' Alla

Benedittu XVI jagħmel ukoll appell lill-poplu kollu ta' Alla, biex kull Nisrani jaħdem bla heda favur il-bini tal-paċi u għad-difiża sħiħa tad-dinjità tal-persuna umana u d-drittijiet inaljenabbli tagħha.

Ningħaqdu mal-Papa fit-talba tiegħu lil Alla, bl-interċessjoni ta' Marija Omm Ġesù, ir-Reġina tal-Paċi, biex jgħin lill-bnedmin jikseb il-paċi. Jalla nibdew is-sena l-ġdida 2007 b'għarfien dejjem iżjed konkret li f'wiċċ Kristu hemm il-wiċċ ta' kull bniedem, il-qalb tal-paċi.

Ċelebrazzjoni Jum Dinji tal-Paċi
KonKattidral ta' San Ġwann
31 ta' Diċembru 2006.

# Omelija ta' Mons. Ġużeppi Mercieca f'Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-Okkażjoni ta' Għeluq is-Servizz Tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta

## Inħejju t-triq għall-Mulej

Il-lum inġbarna f'din id-Dar ta' Alla biex inroddulu ħajr għall-għajnuna kollha li, fl-imħabba u l-ħniena bla tarf tiegħu, il-Mulej għoġbu jagħtini fit-tletin sena li jiena ilni r-Ragħaj Spiritwali tal-poplu ta' Alla f'Malta.

Jiena għandi ħafna għaliex inrodd ħajr lill-Missier Alla. Il-Mulej kien ġeneruż ħafna miegħi. L-għajnuna tiegħu nħossha kull ħin u kull mument. Sibtha, b'mod partikolari, f'dawk kollha li kienu jew għadhom parti mill-mixja ta' ħajti.

Fuq quddiemnett, hemm il-ġenituri u l-familja tiegħi. Hemm ukoll, imbagħad, dawk kollha li għenuni nimxi 'l quddiem fl-edukazzjoni tiegħi. Hemm is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi li, min b'mod u min b'ieħor, fil-beraħ jew fis-skiet u l-kwiet, ħadmu b'tant imħabba u dedikazzjoni id f'id miegħi fil-qadi tad-dmirijiet li ġew fdati f'idejja. Hemm il-poplu għażiż tagħna li tant wera sens ta' mħabba, għaqda u fedeltà lejja bħala Ragħaj Spiritwali.

F'dawn it-tletin sena li għaddew stajt nara mill-qrib kemm is-servizz ġeneruż u dedikat tas-saċerdoti u reliġjużi tagħna, bosta drabi bl-inkuraġġiment u l-appoġġ ta' numru kbir ta' operaturi pastorali lajċi, huwa teżor imprezzabbli mhux biss għall-Knisja f'Malta imma wkoll għall-poplu kollu. Il-ġid li jsir mis-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi fl-impenn pastorali tagħhom, mingħajr ħafna daqq ta' trombi, Alla biss jaf kemm hu kbir. Mhux ta' xejn li l-poplu tagħna lis-saċerdot u lir-reliġjuż għadu jħobbu, jgħożżu, japprezzah u jinkuraġġih

Verament għandi għax inrodd ħajr lil Alla u lil kulħadd li, matul l-episkopat tiegħi, stajt nara jseħħ tant ġid għall-poplu, mal-poplu u fost il-poplu.

**Maħfra għan-nuqqasijiet**

Min-naħa tiegħi, flimkien mar-radd il-ħajr, nixtieq nitlob ukoll maħfra lil Alla u lilkom ilkoll għal kull nuqqas tiegħi.

Aħna lkoll bnedmin. Ilkoll għandna d-dgħufija u l-fraġilita' umana tagħna. Ilkoll nistgħu niżbaljaw. Ilkoll nistgħu nonqsu lil xulxin fil-ftit jew fil-ħafna. Ilkoll nistgħu nkunu ta' eżempju ħażin għal ħaddieħor.

Jiena rrid nitlob maħfra għal dak kollu li għidt jew għamilt u ma kienx f'waqtu jew kien żbaljat; għal dak kollu li m'għamiltx għalkemm messni għamilt; għal kull imġiba tiegħi li setgħet ġabet xi wġiegħ lil dak jkun, kien x'kien il-każ.

Il-qofol tal-konverżjoni tagħna jinsab eżattament f'li nkunu kapaċi nitolbu maħfra u naħfru.

Irridu nħobbu lil xulxin bħala wlied Missier wieħed u aħwa fi Kristu.

**It-triq ta' l-għaqda**

Meta, fil-bidu tal-ministeru tiegħi ta' Isqof, jiena ġejt biex nagħżel il-motto tiegħi, ħassejt il-bżonn li dan ikun "Ilkoll Aħwa fi Kristu".

Sa mill-ewwel passi tiegħi bħala Ragħaj Spiritwali ridt naħdem u nistinka biex jinħattu l-ħitan tal-firda u flokhom tidħol l-għaqda; ridt li, ikun xi jkun il-piż li jkun jinħtieġli nġorr personalment fuq spallejja, kliemi u mġibti jkunu dejjem messaġġ li aħna tassew ilkoll aħwa fi Kristu; ridt li nuri li dan ifisser ukoll, fost ħwejjeġ oħrajn, li fil-Knisja hemm spazju għal kull min irid iwieġeb għall-istedina tal-Mulej biex ikun fiha u parti minnha.

Ridt li s-sies tal-impenn tiegħi fil-ħidma għall-għaqda fost il-poplu tagħna jkun proprju dan: li aħna min aħna, għaddejna minn xiex għaddejna u ġarrabna x'ġarrabna f'ħajjitna, Alla jibqa' b'dirgħajh miftuħin beraħ biex iħaddanna miegħu mill-ġdid.

Matul il-ministeru episkopali tiegħi, ġara x'ġara, jiena bqajt dejjem nitlob lil Alla jkompli jgħinni biex nibqa' nħobb, nibqa' nkun leħen li jtambar fuq l-ogħla ġid komuni, nibqa' inkun strument li jġib u jsaħħaħ l-għaqda fil-poplu tagħna, ikun xi jkun is-sagrifiċċju personali li dan ikun ifisser għalija.

Inħoss li l-Mulej għenni ħafna u ħafna f'dan l-impenn; ta' dan ma nieqaf qatt nirringrazzjah.

## Iż-żwieġ u l-familja

Mhux il-ħsieb tiegħi li nitkellem fuq il-ġrajjiet ta' dawn l-aħħar tletin sena. Biss inħoss li ma nistax ma niffokax ftit fuq il-valuri kbar taż-żwieġ u tal-familja.

Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien fis-servizz tiegħi bħala Arċisqof, iktar bdejt ninduna li għall-familja f'pajjiżna kienu qed joqorbu żminijiet ta' provi akbar, għal bosta raġunijiet.

Dan ħeġġiġni u għenni nagħti importanza sħiħa lill-familja. Xtaqt nara lill-miżżewġin, lill-familja u lil kulħadd jifhem u jagħraf il-ġid kbir li l-familji jiksbu għalihom infushom u għas-soċjeta' kollha meta jkunu tassew esperjenzi ta' għaqda u mħabba.

Jiena nbati ma' kull persuna li ssofri xi forma ta' vjolenza fiż-żwieġ; ma' kull persuna li tiġi abbandunata jew li tispiċċa f'separazzjoni; ma' kull omm jew missier li jridu jrabbu lill-ulied waħedhom u, minkejja kollox, ma jgħejjewx iħabirku biex jagħtu lil uliedhom formazzjoni soda; mal-koppji li biex ikunu jistgħu jgħajjxu lill-familja jkollhom bilfors joħorġu jaħdmu t-tnejn.

Inbati ħafna u ħafna wkoll ma' dawk it-tfal kollha li, minkejja d-dritt tagħhom għal trobbija minn missierhom u ommhom flimkien, jinsabu mċaħħdin minn dan meta forsi jistgħu ma jkunux. Inbati ħafna nara tfal żgħar imweġġgħin u mifxulin, ma jistgħux jifhmu għaliex missierhom u ommhom ma baqgħux flimkien.

L-għeruq ta' dak kollu li jiena sħaqt kull meta tkellimt fuq il-familja kien proprju għaliex inħoss li jekk mhux se nagħmlu minn kollox, Stat, Knisja u kulħadd, biex inħarsu lill-familji tagħna minn dak kollu li jwassalhom għat-tifrik u jikkaġuna tant tbatija mhux biss fil-ġenituri imma wkoll fl-ulied, il-gwaj li hemm jistenna lill-familja Maltija u lis-soċjetà tagħna nibża' ħafna li jista' jkun kbir.

Għeżież ġenituri, nitlobkom, nappellalkom, inħeġġiġkom: kunu lesti li tagħmlu kull sagrifiċċju biex l-imħabba tagħkom lejn xulxin, magħġuna mat-trobbija flimkien ta' wliedkom, tkun imħabba dejjiema. Qegħdu lil uliedkom fl-ogħla post f'ħajjitkom. Uliedkom huma aqwa minn kull ġid materjali, kull suċċess professjonali jew ta' karriera li jista' jkollkom. M'hemm ħadd u xejn aqwa minn uliedkom.

Inħeġġeġ ukoll lill-politiċi kollha tagħna biex ma jehdew qatt jistinkaw ħalli l-Istat jgħin b'kull mezz possibbli lill-familja, ukoll sa fejn jista' finanzjarjament, biex il-familja tkun dak li hi; biex l-omm u l-missier ikunu jistgħu tassew jagħtu lil uliedhom, speċjalment meta jkunu għadhom żgħar, it-trobbija meħtieġa skond is-sejħa naturali tagħhom ta' omm u missier.

## Għaqda ma' l-Arċisqof il-ġdid

Fi ftit jiem oħra, id-dmirijiet tiegħi ta' Arċisqof ta' Malta se jgħaddu f'idejn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., ir-rigal kbir u sabiħ li l-Mulej u l-Papa taw lill-Knisja f'Malta fiż-żminijiet ta' provi ġodda li qegħdin u għad irridu ngħaddu minnhom bħala komunità li temmen, u bħala soċjetà.

Dan huwa mument ġdid u sabiħ għall-Knisja f'Malta u għall-poplu tagħna. Inħeġġeġ ħafna lil kulħadd, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, biex minn issa nistqarru l-fedeltà u l-lealtà tagħna lejn ir-Ragħaj Spiritwali li Alla u l-Knisja għażlu biex imexxina fiż-żmien li ġej.

Ejjew naħdmu lkoll, b'imħabba u b'zelu, id f'id miegħu fl-impenn meħtieġ biex, kif jistedinna l-motto tiegħu, inħejju t-triq għall-Mulej.

Mons. Arċisqof Cremona qed juri għaqal spiritwali profond fl-għażla ta' dan il-motto. Nafu lkoll li, *"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja, jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt għalxejn jishar il-għassies.' (Salm 126).*

Għażiż Ragħaj Spiritwali ġdid tagħna, jiena nwegħdek l-imħabba, l-għaqda, il-lealta' u l-fedelta' tiegħi. Inwegħdek ukoll it-talb tiegħi, bl-interċessjoni ta' Marija, biex Binha Ġesù, is-Saċerdot il-Kbir, jgħinek tmexxina dejjem fit-triq ta' l-imħabba ta' Alla u ta' xulxin.

Nitlob lill-Mulej iżomm idejh fuqek, fuq il-poplu għażiż tagħna u fuq art twelidna.

KonKattidral ta' San Ġwann
18 ta' Jannar 2007

# Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'Laqgħa mal-Miżżewġin Ġodda tas-Sena 2006

## L-ogħla ġid tal-familja

Il-laqgħa tagħna tal-lum hija biex niringrazzjaw lil Alla għall-għajnuna li takom, lilkom, miżżewġin ġodda tas-sena li għadha kemm intemmet, biex stajtu tingħaqdu fiż-żwieġ skond ir-rieda ta' Alla u hekk tifformaw familja ġdida.

Iltqajna wkoll biex inroddu ħajr lill-Mulej għal dak kollu li, fl-imħabba bla tarf tiegħu għall-bniedem, għamel matul iż-żmien u qed ikompli jagħmel mal-miżżewġin u l-familji għeżież tagħna, biex minkejja tant sfidi li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom ikunu jistgħu jibqgħu jikbru u jissaħħu fl-imħabba u fl-għaqda.

Hija wkoll okkażjoni biex filwaqt li nsellem lill-miżżewġin u lill-familji kollha tagħna, nassigurahom li huma dejjem kienu u jibqgħu ħafna għal qalbi. Nixtiqilhom, b'imħabba kbira, kull ġid tal-Mulej.

## Teżor kbir ta' familji tajbin

Ħames snin ilu, fl-okkażjoni tal-25 sena minn meta jiena ġejt imsejjaħ mill-Papa biex nagħti servizz bħala Arċisqof ta' Malta, jiena ktibt Ittra lill-Familji Maltin, bil-ħsieb li nkompli nħeġġiġhom jikbru dejjem iżjed fil-qdusija. Dakinhar semmejt li hemm qabża kbira bejn kif konna ngħixu fl-imgħoddi, meta jiena bdejt l-Episkopat tiegħi f'Malta, u kif qed ngħixu fi żmienna.

Ħarsa lejn il-familja Maltija turina li, minkejja d-diffikultajiet, pajjiżna għad għandu teżor kbir ta' familji tajbin u tassew magħqudin. Il-fatt innifsu li l-kotra l-kbira tal-miżżewġin ġodda tagħna għadhom ifittxu ż-żwieġ sagrament, juri li l-għeruq tal-familja Maltija għadhom essenzjalment għeruq insara. Barra minn hekk, il-ġenituri żgħażagħ tagħna għadhom ifittxu u jħabirku li jtellgħu lil uliedhom skond it-tagħlim ta' Kristu u l-Knisja tiegħu. Iżda nafu lkoll li l-għadu l-kbir tal-bniedem,

ix-xitan, ma jaħmilx jara t-tajjeb; dejjem iħabrek biex jiżra' d-deni u jagħmel il-ħsara.

Fil-fatt, ikolli nistqarr, b'dieqa, li ċerti mentalitajiet u attitudnijiet li daħlu fostna mhumiex jgħinu biex il-familja Maltija tibqa' dejjem familja ta' mħabba u ħajja skond ir-rieda ta' Alla. Ħdejn il-mudell tal-familja Maltija kif nafuha aħna, nibtu u bdew jiżdiedu mudelli oħra li mhumiex skond il-pjan ta' Alla għall-bniedem u li, għalhekk, ma jistgħux ikollhom il-barka tal-Knisja Kattolika.

Sfortunatament, ukoll f'pajjiżna, ma tonqosx il-propaganda qarrieqa li turi t-taħlit barra ż-żwieġ, il-koabitazzjoni, l-infedelta', l-adulterju u d-divorzju bħala ħwejjeġ inevitabbli fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja moderna. Dan minkejja li nafu lkoll li mġibiet bħal dawn huma l-maqlub ta' dak li Alla, fl-imħabba kbira tiegħu għall-bniedem, fassal u ried għall-umanita' u l-ogħla ġid tal-bniedem.

## Ir-rieda ta' Alla

Il-Mulej għandu ħafna għal qalbu ż-żwieġ u l-familja. Konferma kbira ta' dan insibuha fil-fatt li, meta Alla l-Missier ried li Ibnu l-Waħdieni tiegħu jidħol fil-ġrajja u l-istorja tal-bniedem biex jifdih mill-jasar tad-dnub, ried li jagħmel dan permezz ta' familja. Dan jurina li huwa dan il-mudell li Alla jrid għall-familji, mhux xi mudell jew mudelli oħrajn prodott ta' ħajja laxka li twarrab kull ma jitlob impenn dejjiemi msaħħaħ mis-sagrifiċċju meħtieġ biex tiġi mħarsa dejjem is-sħuħija taż-żwieġ u tal-familja.

Alla l-Imbierek irid li l-koppja miżżewġa, speċjalment meta jaslu l-ulied, jgħixu ħajja ta' komplimentarjeta' ġenwina u effettiva. Irid li l-missier u l-omm irabbu l-ulied id f'id, b'responsabbilta' sħiħa, f'rispett ħaj lejn is-sejħa naturali tagħhom bħala missier u omm magħqudin flimkien.

Għaldaqstant, bħala Ragħaj Spiritwali, jiddispjaċini ħafna meta nara lil min, direttament jew indirettament, forsi minn wara xi paraventu, jipprova jimbotta 'l quddiem ideat u ħsibijiet maħsubin biex, bil-mod

il-mod, is-soċjetà Maltija taċċetta l-idea tad-divorzju u tibda tħoss li ma tistax tgħaddi mingħajr il-legalizzazzjoni tad-divorzju.

Hemm bżonn li lkoll kemm aħna, quddiemnett il-familji nfushom, inżommu dejjem ċar quddiem għajnejna li, kull fejn il-bnedmin ma jimxux skond il-pjan ta' Alla dwar iż-żwieġ u l-familja, it-tħarbit u d-deni jkun kbir u mifrux. Alla ried li ż-żwieġ ikun bejn mara waħda u raġel wieħed sal-mewt għax jaf li dak hu ta' ġid għall-bniedem. Dawk li jbatu meta ż-żwieġ ma jkunx skond il-pjan ta' Alla, ma jkunux biss il-persuni involuti, speċjalment fejn ikun hemm it-tfal, imma wkoll is-soċjetà nnifisha.

## Il-parir ta' Ġwanni Pawlu II

Il-Knisja tistenna li l-awtoritajiet pubbliċi ma jehdew qatt fl-għassa u fl-azzjoni tagħhom biex jipproteġu ż-żwieġ u l-familja minn kull deni u gwaj.

Kull riforma dwar l-istruttura u l-ħajja tal-familja trid tieħu ħsieb issaħħaħ l-għaqda bejn il-miżżewġin u tipprovdi appoġġ dejjem iżjed b'saħħtu għall-familja. Fl-istess ħin, irridu nieħdu ħsieb sew tat-tfal, il-protagonisti tal-ħajja soċjali ta' għada. Is-saħħa tal-familja u tas-soċjetà tiddependi ħafna mill-kwalità tal-valuri li t-tfal għandhom id-dritt li jirċievu l-ewwel mill-ġenituri flimkien. Din hija kura li tiġi investita fil-formazzjoni spiritwali, morali u umana tagħhom.

Il-miżżewġin u l-familji nfushom għandhom id-dover tagħhom x'jaqdu f'dan ir-rigward.

Kif għallem il-Papa Ġwanni Pawlu II, il-familji għandhom ikunu l-ewwel li jħabirku biex il-liġijiet u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż mhux biss ma jmorrux kontra, imma wkoll isostnu u jiddefendu bil-qawwa kollha d-drittijiet u d-dmirijiet tal-familja. B'hekk, il-familji jaslu biex jagħrfu li huma għandhom ikunu protagonisti ta' dik li hija magħrufa bħala "il-politika tal-familja" u jieħdu fuqhom ir-responsabbiltà li jbiddlu għat-tajjeb lis-soċjetà. Inkella l-familji jkunu huma l-ewwel vittmi ta' dik il-ħsara kollha li dwarha ma jkunu għamlu xejn ħlief ħarsu lejha qisu

ma jimpurtahom xejn minnha! (*Familiaris Consortio*, 44).

## Fiduċja f'Alla

Għeżież miżżewġin, ftakru dejjem li l-ħajja taż-żwieġ u tal-familja hija taħlita ta' esperjenzi. Hemm ħafna li hu sabiħ fil-ħajja miżżewġa u tal-familja. Imma nkwiet u intoppi jinqalgħu wkoll. Iżda l-miżżewġin insara, il-familji nsara, jafu li, jiltaqgħu ma' xiex jiltaqgħu, jekk ifittxu b'sinċerità lil Alla, il-Mulej jgħinhom żgur.

Il-Mulej, fl-imħabba u l-ħniena bla tarf tiegħu, qatt mhu se jonqos lill-bniedem li jfittex l-wens tiegħu f'mumenti li jkunu jinħtieġu ħafna sens ta' sagrifiċċju, ċaħda personali u maħfra. Kull meta l-koppja ssib ruħha f'diffikultajiet, hija dejjem tista' tersaq lejn Alla u tfittex il-fejqan u s-soluzzjoni bis-saħħa ta' dak li għallimna Ibnu l-Waħdieni meta ħeġġiġna nitolbu lill-Mulej jaħfrilna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina. Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir. Dan narawh iseħħ fostna l-aktar meta nitolbuh flimkien l-għajnuna tiegħu.

Inħeġġiġkom: sibu l-ħin biex titolbu flimkien; għidu flimkien, jekk jista' jkun kuljum, ir-rużarju. Inħeġġiġkom: ersqu ta' spiss lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin. Huma dawn li jgħinukom iżżommu bla mittiefsa l-għaqda u l-imħabba ta' bejnietkom u jgħinukom tersqu lejn Alla. Meta nitbegħdu minn Alla, nitbegħdu minn kull għajnuna siewja.

Għeżież familji, fl-Ittra li ktibtilkom ħames snin ilu tlabtkom ma taqtgħux qalbkom u li tafdaw f'Alla. Il-lum intennilkom l-istess appell. Nitlobkom u nħeġġiġkom, biex timxu fuq il-mudell u l-eżempju tal-Familja ta' Nazaret fil-mod kif iġġibu ruħkom ma' xulxin u fil-mod kif tħobbu u tgħożżu l-ħajja u l-ulied, speċjalment meta jkunu għadhom żgħar.

Ftakru li permezz tal-Familja Mqaddsa, Alla kkonfermalna li huwa jrid li l-familja tkun quddiemnett l-ewwel skola ta' kif bniedem ikun uman.

Nitlob lill-Marija, Omm l-Isbaħ Imħabba, u lil Ġużeppi, Protettur tal-Feddej, li kien x'kien is-sagrifiċċju meħtieġ dejjem baxxew rashom

għar-rieda tal-Mulej, biex ikunu magħkom ilkoll u jħarsukom f'kull mument ta' ħajjitkom.

Nitlob ukoll il-barka ta' Alla fuqkom ilkoll.
KonKattidral ta' San Ġwann
21 ta' Jannar 2007

# Festa ta' San Franġisk De Sales, Patrun tal-Ġurnalisti
# Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

## Il-media u l-verita' dwar il-bniedem

Din il-Festa Liturġika ta' San Franġisk de Sales, Patrun tal-Ġurnalisti, tagħtini l-opportunità biex, fit-tarf tas-servizz tiegħi bħala Arċisqof ta' Malta, inrodd ħajr lil Alla għal kemm ġid jippermetti li jsir bl-użu tajjeb tal-mezzi meraviljużi tal-komunikazzjoni soċjali.

Irrid inrodd ħajr ukoll lill-ħaddiema kollha tal-media f'pajjiżna, li fit-tletin sena li għaddew jiena kelli l-okkażjoni li nsir naf personalment lil bosta minnhom, għall-kooperazzjoni u s-sehem tagħhom, matul is-snin, biex il-Knisja tkun tista' twassal sew il-messaġġ tagħha, mibni kif inhu fuq il-Verità li huwa Kristu.

Niżżiħajr u nsellem lill-ġurnalisti u x-xandara li m'għadhomx magħna għax marru jiltaqgħu mal-Mulej Irxoxt; lin-nies tal-media li, wara ħajja twila ta' xogħol spiss iebes u ta' sagrifiċċju għalihom u l-familji tagħhom, il-lum huma rtirati; lil dawk kollha li għadhom jaħdmu fil-media u li, minkejja li spiss ikollhom jaqdfu ħafna kontra ċerti kurrenti, jistinkaw biex lill-poplu tagħna jgħinuh jagħraf u jimxi 'l quddiem skond il-verità u r-rieda tal-Mulej.

## Il-media u l-Knisja

Kif kelli l-okkażjoni nispjega f'wieħed mill-bosta mumenti li fihom jiena tkellimt dwar ix-xogħol importanti tal-media, il-kultura tal-Knisja u l-kultura tal-Mass Media huma kulturi differenti u, kultant, bejniethom jidher kuntrast qawwi. Madankollu, id-differenzi u d-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu qatt m'għandhom iwasslu biex iwaqqfu l-ħbiberija u d-djalogu. Il-kritika, magħmulha bi spirtu tajjeb li jfittex il-ġid, li l-media u l-Knisja jistgħu jagħmlu lil xulxin, bl-ebda mod m'għandha tinbidel f'nuqqas ta' apprezzament jew firda bejniethom.

Il-Knisja temmen u tagħraf li, meta l-media jkunu mħaddmin tajjeb,

is-sehem tagħhom biex il-bniedem jagħraf sew lilu nnifsu bħala xbiha ta' Alla u biex jgħix tassew fl-imħabba tal-Ħallieq u tal-proxxmu tiegħu, jista' jkun sehem kbir. Biss ma jkunx faċli tkun ottimist dwar l-influwenza pożittiva ta' ċerti oqsma tal-media, jekk dawn ikunu jidhru li ma jafux sew x'inhi l-ħidma vitali tar-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem, jew jekk minn dak li tgħid il-Knisja jwasslu biss dak li jfettlilhom jew li jkun jaqblilhom, jew jekk jitkellmu b'mod sistematikament negattiv dwar twemmin u valuri reliġjużi.

Ikolli nistqarr li fit-taqlib kulturali li feġġ u kiber f'pajjiżna, teżisti taħlita ta' pożittiv u negattiv fl-imġiba tal-media versu l-Knisja u tagħlimha. Il-ħidma li l-Knisja tagħmel fil-qasam soċjali, per eżempju, hija apprezzata u nkuraġġuta ħafna fil-media. Iżda dwar il-missjoni tal-Knisja li twassal il-verità ta' Kristu, li mhux dejjem hi popolari, speċjalment f'oqsma fejn ikun meħtieġ sens ta' sagrifiċċju u ta' ċaħda, ħafna drabi r-riħ ta' ċerti oqsma tal-media ma jonfoħx fl-istess direzzjoni.

Il-Knisja ma tiddejjaqx u ma tibżax meta tiġi kritikata. Bil-maqlub, il-kritika l-Knisja tridha u għandha bżonnha, basta min jikkritika jagħmel dan b'responsabbiltà, b'onestà, b'lealtà u b'mod kostruttiv.

Dak li l-Knisja tixtieq u tistenna huwa li l-media ma jkunux xħaħ magħha f'li jwasslu l-messaġġ tagħha bil-fedelta' meħtieġa, u li dan il-messaġġ jasal tajjeb għand in-nies. M'hemm xejn ħażin f'li niddiskutu u nuru fejn naqblu jew ma naqblux, speċjalment f'soċjeta' pluralistika, imma almenu leħen il-Knisja għandu jiġi mwassal b'mod xieraq.

## Il-missjoni tal-Knisja

Fl-era ta' żmienna spiss issib lil min jiċħad il-veritajiet speċifiċi tal-fidi Nisranija. Mhux biss, imma hemm min qed jimbotta dejjem iżjed l-idea żbaljata li m'hemmx verità li l-bniedem għandu d-dmir li jfittex, imma hemm biss opinjonijiet.

Jiġri x'jiġri, però, il-missjoni tal-Knisja hija u tibqa' li xxandar il-verità tal-Mulej Ġesù. Il-Knisja, inkluż f'pajjiżna, trid tistinka biex fejn tfeġġ konfużjoni morali, tgħinna niltaqgħu mill-ġdid mal-messaġġ ta' Alla

għall-bnedmin kollha, fil-kulturi kollha. Il-Knisja trid tibqa' tħabrek biex l-umanità tiskopri mill-ġdid it-tifsira u s-sens veru tal-ħajja f'Ġesù Kristu, il-Feddej waħdieni tal-bnedmin kollha.

It-tagħlim ta' Kristu ma jinbidilx. Qiegħed hemm għal dejjem. Il-Knisja ma għandhiex dritt u ma tistax tibdel it-tagħlim ta' Kristu skond il-mentalita' jew il-kultura taż-żmien u tal-post. Il-missjoni tal-Knisja hija li t-tagħlim ta' Kristu, li hu kif inhu għax hu ta' l-ogħla ġid għall-bniedem f'kull żmien u ċirkustanza, twasslu lill-bniedem kif inhu, bla mittiefes.

F'din il-missjoni tagħha, il-Knisja tixtieq issib fil-media koperazzjoni u għajnuna biex il-poplu tagħna jibqa' jgħożż it-tagħlim ta' Kristu, li hu dejjem attwali u rilevanti. Il-media jistgħu jagħtu kontribut imprezzabbli biex lill-bniedem tal-lum inwasslulu lil Ġesù, li huwa u jibqa' it-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

### Il-kultura tal-media

Id-dinja ta' żmienna hija dominata mil-lingwaġġ u l-kultura tal-media. Għal ħafna u ħafna nies, il-media saru l-mezzi ewlenin ta' edukazzjoni u formazzjoni, kif ukoll ta' ispirazzjoni fl-imġiba tagħhom bħala individwi, bħala familji u fis-soċjeta' in ġenerali. Dan iqiegħed fuq spallejn in-nies tal-media, speċjalment dawk li jmexxuhom, responsabbiltajiet kbar.

Jekk irridu nimxu fit-triq it-tajba, il-verita' trid tiġi rispettata dejjem u f'kull każ. Irridu nkunu lkoll ħaddiema ħabrieka u ġenwini għad-dinjità tal-bniedem u għall-ġid komuni. Huwa importanti ħafna wkoll li, min jikkritika, jagħmel dan b'sinċerità, b'rieda tajba, b'ħeġġa għal dak li hu ġust u sewwa.

Ma jkunx tajjeb jekk ikun hemm min jissagrifika l-verità jew dak li jkun ta' ġid għal kulħadd, għal xi interess partiġġjan jew settarju; min jagħti l-ġenb lill-onestà, il-korrettezza u s-sens ta' fraternità u għaqda, biex tgħaddi tiegħu jew tal-grupp tiegħu; min iwarrab dak li hu sewwa u ġust biex jissodisfa l-għatx tiegħu għall-glorja jew l-aġenda personali; min ma jkunx ġust, leali u responsabbli f'dak li jgħid, jikteb u jagħmel;

min iħalli lilu nnifsu jinħakem mit-tentazzjoni tal-manipulazzjoni, il-qerq u l-ingann.

Nappellalkom ilkoll biex tkunu dejjem promoturi u difensuri qalbiena tal-verità: tal-verità ta' Alla dwar il-bniedem u dwar il-familja.

Fl-impenn tagħkom, nitlobkom tagħtu prijorità sħiħa lid-dinjita' tal-bniedem, l-ogħla ġid komuni, l-għaqda fost il-poplu għażiż tagħna, is-sens ta' ġustizzja u solidarjetà, is-sħuħija tal-familja bħala esperjenza dejjiema ta' mħabba u ħajja, u l-għożża inkundizzjonata tat-tfal akkost ta' kull sagrifiċċju.

Ġesù, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, li tant iħobb il-familja li ġie fid-dinja permezz ta' familja u ried li jitrabba fil-kenn u l-wens tagħha, jgħinkom żgur f'dan l-impenn tagħkom. Nitlob lill-Mulej biex ikun dejjem magħkom ilkoll, u mal-familji tagħkom.

Quddiesa għall-Ġurnalisti
Istitut Kattoliku, Floriana
24 ta' Jannar 2007

## Ċirkulari Numru 499

**Tmiem tal-Ministeru ta' l-ET Mons Ġużeppi Mercieca u Bidu tal-Ministeru ta' l-ET Mons Pawlu Cremona OP bħala Arċisqof ta' Malta**

Għandna quddiemna t-tmiem tal-ministeru ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca bħala Arċisqof ta' Malta, u l-konsagrazzjoni bħala Isqof ta' Monsinjur Pawlu Cremona O.P. u l-bidu tal-ministeru tiegħu bħala Arċisqof ta' l-Arċidjoċesi.

F'din l-okkażjoni, il-Knisja f'Malta ħasset li għandha tinħabar ħalli titlob lil Alla, biex troddlu ħajr għall-ġid kollu li taha bis-servizz pastorali ta' l-Arċisqof Mercieca, u biex titolbu jagħti lil Monsinjur Cremona l-grazzji u l-għajnuna kollha li jeħtieġ biex iwettaq tajjeb is-servizz tiegħu ta' Isqof għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tagħna lkoll. Il-Knisja f'Malta trid ukoll f'dawn iċ-ċirkustanzi tgħid grazzi minn qalbha lil Monsinjur Mercieca, u twassal ix-xewqat tajba tagħha lil Monsinjur Cremona, u twegħdu fedeltà u ubbidjenza.

B'dan il-ħsieb, l-Arċidjoċesi sejra torganizza dawn iċ-ċelebrazzjonijiet:

1. Nhar il-Ħamis, 18 ta' dan, fis-6.30 ta' wara nofsinhar, fil-KonKatidral ta' San Ġwann, il-Belt, sejra ssir Quddiesa konċelebrata, mmexxija mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Is-Saċerdoti, djoċesani u Reliġjużi, huma mistiedna jikkonċelebraw. Il-membri kollha tal-Knisja, Reliġjużi u LajĐi, huma ukoll mistiedna għal din il-Quddiesa.

2. Nhar il-Ħamis, 25 ta' dan, fis-6.30 ta' wara nofsinhar, fil-Katidral, l-Imdina, sejra tinżamm Velja ta' Talb, għall-bżonnijiet ta' Monsinjur Pawlu Cremona O.P. Matul din il-Velja Monsinjur Cremona jieħu l-ġurament u jitbierku xi ħwejjeġ li juża bħala Isqof. Kulħadd huwa mistieden għal din il-Velja ta' Talb.

3. Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, fis-6.30 ta' wara nofsinhar, fil-KonKatidral ta' San Ġwann, il-Belt, issir l-ordinazzjoni episkopali ta'

Monsinjur Pawlu Cremona. Jieħu wkoll pussess kanoniku tad-Djoċesi. Is-Saċerdoti, djoċesani u Reliġjużi, huma mistiedna jikkonċelebraw. Il-postijiet fil-KonKatidral sejrin ikunu bl-istedin, iżda sejrin jitwaqqfu żewġ tined kbar, b'siġġijiet, għall-membri l-oħra tal-Knisja li jixtiequ jattendu.

Huwa xieraq illi, fil-ġranet imsemmija hawn fuq, fil-knejjes ta' l-Arċidjoċesi wara nofsinhar il-Quddies jispiċċa f'ħin kmieni biżżejjed biex ikun hemm ċans għas-saċerdoti u għall-membri l-oħra tal-Knisja li jieħdu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Għalhekk m'għandux ikun hemm Quddies wara l-5 ta' wara nofsinhar.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 10 ta' Jannar 2007.

✠Mons. Annetto Depasquale
Isqof titulari ta' Aradi
Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit
Kanċellier

## Ċirkulari Numru 500

Fl-okkażjoni ta' l-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Pawl Cremona O.P. nhar il-Ġimgħa, 26 ta' dan, fil-knejjes kollha:

1. F'nofsinhar tindaqq mota ta' kwarta .

2. Jinxtegħlu l-frontispizji u s-Slaleb minn inżul ix-xemx sal-11.00 p.m.

3. Fil-knejjes li għandhom arblu jittajru il-bnadar tal-Papa u ta' Malta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 19 ta' Jannar 2007.

✠Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit
Kanċellier

# OMELIJA TA' MONS ARĊISQOF ĠUZEPPI MERCIECA fl-Okkażjoni ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons Arċisqof Pawl Cremona OP

## Id f'id mar-Ragħaj it-Tajjeb

Għadna kif qrajna l-mandat appostoliku biex ikun jista' jingħata bidu għal din il-konsagrazzjoni episkopali ħalli l-wisq maħbub ħuna, Mons. Pawlu Cremona, Dumnikan, isir suċċessur ta' l-Appostli u jkun mogħti kollu kemm hu bħala isqof għas-servizz tal-poplu ta' Alla fdat f'idejh.

Dan huwa mument ta' grazzja kbira. Huwa mument li fih jeħtieġ li, qabel kollox, ngħidu, b'qalb ferħana, grazzi lill-Mulej. Ngħidu wkoll, b'rispett u gratitudni, grazzi lill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI talli għoġbu jagħni l-Arċidjoċesi tagħna b'Ragħaj Spiritwali ġdid fil-persuna ta' l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona.

Nixtieq insellem u nirringrazzja lil kull min qed jingħaqad magħna fit-talb, kemm intom preżenti personalment, kemm il-morda, kif ukoll kull min qed isegwi din l-ordinazzjoni episkopali permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

Insellem b'rikonoxxenza kbira, għażiż Mons. Cremona, lill-għeżież ommok u missierek, kif ukoll lill-familjari kollha tiegħek.

Insellem u nirringrazzja lill-Eċċellenzi Tagħkom Reverendissimi, l-Isqfijiet Konċelebranti: l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Felix del Blanco Prieto, Nunzju Appostoliku għal Malta, kif ukoll l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġorġ Frendo, Dumnikan, Isqof Awżiljarju f'Tirana, l-Albanija.

**Sejħa profetika u appostolika**

L-ewwel u t-tielet qari tal-liturġija tal-lum (Isaija 6.1-2, 3-8) u (Lq. 5, 1-11) ikellmuna fuq żewġ rakkonti ta' vokazzjoni u għażla.

L-ewwel waħda hija profetika u l-oħra appostolika.

It-tnejn ikellmuna dwar l-interess li Alla jieħu fil-bniedem u fil-ħerqa tiegħu li jidħol fil-ħajja u l-istorja tiegħu.

Il-lum, inti, Mons. Cremona, se tiġi kkonsagrat isqof biex tagħti bidu għall-ħidma pastorali tiegħek bħala isqof f'din l-Arċidjoċesi tagħna, fid-dawl tas-sejħa tal-Profeta Isaija u ta' l-Appostlu Pietru, imsaħħaħ ukoll mill-ħeġġa ta' l-Isqfijiet kollha ta' qabilna.

Fl-ewwel qari, Isaija, wieħed mill-profeti kbar ta' l-Antik Testment, jirrakkonta l-viżjoni li kellu meta Alla sejjaħlu biex jagħmlu profeta tiegħu ħalli hekk ikun jista' jitkellem f'ismu u jxandar il-messaġġ tiegħu bħala profeta.

Isaija kien qed jitlob fit-Tempju ta' Ġerusalemm madwar is-sena 740 qabel il-miġja ta' Kristu, meta f'daqqa waħda sab ruħu quddiem il-Mulej, qiegħed fuq tron merfugħ 'il fuq. Fuq kull naħa tat-tron, Isaija ra qatgħa kbira ta' anġli li kienu jgħattu wiċċhom biex juru li Alla huwa tant kbir li lanqas il-qaddejja tiegħu ma jissograw iħarsu lejh. Dawn l-anġli kienu jfaħħru lil Alla u jgħidu għal tliet darbiet, "Qaddis, Qaddis, Qaddis." Alla huwa qaddis mingħajr l-iċken nuqqas; huwa infinit fil-kobor. Alla huwa fih innifsu il-Qaddis. Il-kant ta' l-anġli kien tant qawwi li Isaija ħass l-art tirtogħod; ra t-Tempju jimtela' bid-duħħan u beża' li se jmut dak il-ħin. Quddiem din il-perfezzjoni ta' Alla, Isaija ħass ruħu midneb u nfexx jistqarr: "Mitluf jien! Bniedem b'xufftejh imniġġsa jien!"

Din l-esperjenza ta' midneb u biża' li għafset lil Isaija ma kenitx ħolm jew kliem vojt. Alla qal lil Mosè: "Ma jistax jarani l-bniedem u jibqa' ħaj" (Eż. 33, 20). Din hija esperjenza li għadha taħkem lilna bnedmin dgħajfa sal-lum.

Fit-tielet qari, qrajna dwar l-esperjenza ta' sajjied li ġie msejjaħ biex ikun appostlu tal-Mulej, anzi l-ewwel wieħed fost l-Appostli. Il-Mulej Ġesù kien f'xatt l-għadira ta' Ġennezaret; ra żewġ dgħajjes qegħdin max-xatt; tela' fuq waħda minnhom, li kienet ta' Xmun u wara li temm il-priedka qal lil Xmun biex jaqdfu 'l barra fil-fond u jkalaw ix-xbiek tagħhom għas-sajd. Xmun, bl-esperjenza ta' sajjied li kellu, ma kienx ta' l-istess fehma bħal Ġesù. Madankollu, wieġbu: "La qiegħed tgħid inti, ħa

nkala x-xbiek." Hekk sar; u kienet qabda kbira ta' ħut. Xmun Pietru, kif ra dan, inxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jien midneb." Ġesù, iżda, qal lil Xmun: "Tibżax, minn issa 'l quddiem tkun taqbad il-bnedmin." Hawnhekk naraw tirrepeti ruħha l-esperjenza li għadda minnha Isaija.

## Messaġġ ta' kuraġġ

Il-lum, il-jum kbir u sabiħ tal-konsagrazzjoni episkopali, kif ukoll tal-bidu tal-ministeru tiegħek, bħala l-Profeta u r-Ragħaj Spiritwali l-kbir tagħna, fl-Arċidjoċesi Maltija, huwa jum ta' ferħ.

Aħna lkoll ferħana li għandna Arċisqof, Mexxej u Missier Spiritwali ġdid.

Iżda l-ferħ ta' dan il-jum sabiħ qed ukoll iqiegħed fuq spallejk toqol kbir, li jġiegħlna lkoll niftakru fik fit-talb tagħna.

Quddiem il-misteru ta' Alla u r-responsabbilta' kbira li qed tiġi fdata f'idejk, inti l-lum tħossok tgħaddi mill-istess biża' li ħakem lil Isaija meta Alla sejjaħlu biex jagħmlu profeta tiegħu. Barra minn hekk, għażiż ħija fl-episkopat, inti, bħal Isaija, bħal kull bniedem u isqof ieħor, tħoss ruħek midneb u fqir quddiem il-perfezzjonijiet ta' Alla.

Madankollu, għażiż ħuna, nistiednek u nħeġġek biex matul l-episkopat tiegħek tibqa' tiftakar f'dak li l-lum irrid ngħidlek b'leħen sħiħ u qawwi: La tibżgħax! Iomm ħarstek dejjem 'il quddiem b'kuraġġ ta' sur. Bla dubju, trid kuraġġ kbir biex il-lum tidħol għall-ministeru ta' isqof djoċesan; fost ħwejjeġ oħrajn, din il-ħajja titlob ħafna sagrifiċċji u tippreżenta ħafna diffikultajiet. Tista' wkoll taħkmek l-għejja, tħossok waħdek jew imnikket. Iżda tibżax! Alla li sejjaħlek biex iġġorr din ir-responsabbiltà huwa dejjem ħdejk u miegħek bil-grazzja u l-qawwa tiegħu. L-Ispirtu s-Santu żgur jagħtik dan il-kuraġġ.

Alla naddaf xufftejn Isaija qabel ma bagħtu jkellem il-poplu tiegħu. Hekk ukoll Alla jkun miegħek, maħbub Arċisqof ġdid tagħna, biex inti tkun tista' twettaq dak li qed jistenna mingħandek. Tista' tiġi maħkum

mill-biża', iżda fl-istess ħin is-Sinjur Alla ma jehda qatt iqawwik bl-intimità tiegħu miegħek.

Dan iqajjem fik fidi kbira, libertà spiritwali u entużjasmu.

Il-qabda kbira ta' ħut li kellu Xmun tirrappreżenta l-missjoni appostolika, li kellha l-bidu tagħha mill-ubbidjenza għall-Kelma tal-Mulej Ġesù: "Aqdef 'il barra u itfa' x-xbiek!"

Xmun, quddiem il-qawwa u l-kobor ta' Ġesù, ħassu mitluf u stqarr ruħu midneb. Iżda Ġesù qal lil Xmun: "Tibżax; mil-lum 'il quddiem tkun sajjied tal-bnedmin." Hekk ukoll jgħid lilek, għażiż ħuna.

Ġesù ried iwassal lil Xmun il-messaġġ li huwa ġie fid-dinja biex isalva l-bniedem mill-ħażen li l-bniedem kien waqa' fih. Hekk, Pietru, flimkien ma' sħabu, saru komunita' li trid tkompli l-missjoni ta' Ġesù, li ġie biex jeħles l-umanità mit-telfien u jagħtiha ħajja ġdida.

Dan kollu juri li dak li jħoll u jorbot, quddiem Alla, hija l-ubbidjenza fis-skiet u l-ġabra għal dak li jitlob minna Ġesù.

Hija l-ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla li tagħti l-ħajja lill-bniedem.

## Fit-triq tal-Mulej

Fl-għażla tal-motto tiegħek, "Ħejju t-triq għall-Mulej" inti qed turi mpenn biex tgħinna lkoll nitħejjew ħalli nilqgħu lill-Mulej f'kull waqt ta' ħajjitna.

Nitlob lill-Mulej Ġesù is-Saċerdot l-Kbir, biex jieqaf miegħek f'kull mument ta' l-episkopat tiegħek, ħalli kif stqarrejt li trid inti stess, tagħraf taqdi l-ministeru u l-missjoni tiegħek fi spirtu ta' ubbidjenza għall-Vanġelu u id f'id mar-Ragħaj it-Tajjeb.

KonKattidral ta' San Ġwann
26 ta' Jannar 2007

# Diskors ta' Mons. Arċisqof Pawlu Cremona fil-Quddiesa ta' l-ordinazzjoni tiegħu

## Knisja skond il-Qalb ta' Ġesù

F'dan il-jum Solenni għall-Knisja f'Malta, meta l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, għażel lili bħala Ragħaj Spiritwali tal-Knisja f'Malta, biex immexxiha f'isem Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, inwasslilha l-Kelma kif għaddihielna dak li hu l-Verb ta' Alla, u nqaddisha fil-Karità li hija l-Qdusija li ġiet murija fil-Ħajja ta' Kristu, jiena, għalkemm bil-biża' quddiem din il-missjoni tant kbira, nixtieq f'isem il-Knisja nrodd ħajr lil Alla.

Jiena nroddlu ħajr għaliex naf li Alla jgħin lil dawk li jħallu lilhom infushom f'idejh, ħalli d-dgħufija tal-bniedem issir qawwa ta' Alla, bid-Don ta' l-Ispirtu s-Santu. Hekk sar fl-ewwel dixxipli bl-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuqhom f'Għid il-Ħamsin: saru bnedmin li bdew jitkellmu f'isem il-Mulej bla biża' u bla dubju. Jiena l-lum nitlob li dan id-don li l-Knisja rċeviet il-lum permezz ta' din il-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħi, jinxtered fuq il-membri kollha tal-Knisja: fuq is-Saċerdoti kollha biex ikunu dejjem sinjal ta' għaqda fil-Knisja fil-ministeru saċerdotali tagħhom; lill-membri tal-Ħajja Konsagrata biex bil-kariżmi u l-ħajja tagħhom ikunu dejjem iktar xhieda tar-radikalità tal-ħajja nisranija, u b'mod speċjali lis-sorijiet ta' Ħajja Kontemplativa biex isaħħu l-Knisja kollha u partikularment lili bit-talb tagħhom; lill-aħwa mgħammdin, biex isseħħ f'kull waħda u wieħed minnhom, il-grazzja tal-magħmudija fl-istat partikulari tagħhom, fil-ħajja personali, familjari u soċjali tagħhom.

## Messaġġ ta' ġid

Jiena nħeġġeġ lill-membri ta' din il-Knisja f'Malta biex jitolbu lill-Ispirtu s-Santu ħalli dejjem iktar iġedded il-Knisja u lili personalment, biex isseħħ il-wegħda ta' Ġesù, li jibqa' mal-Poplu tiegħu sa l-aħħar taż-żmien.

Aħna rridu nwasslu dan il-messaġġ li huwa fil-qalba tat-tagħlim ta' Ġesù Kristu, għax fuqu trid tissejjes kull Komunità Kristjana. Dan il-messaġġ huwa ta' ġid lis-soċjetà Maltija kollha, għax ġie mwassal lilna minn Dak li huwa espert ta' l-umilta' għaliex ħalaq u feda lill-umanità.

Dan il-messaġġ jibda mill-imħabba li Alla l-Missier għandu lejn kull bniedem li ħalqu xbieha tiegħu. Dan iġiegħlna nistagħġbu quddiem il-kobor tal-bniedem. Is-Salm 8 jurina dan b'mod sabiħ: "X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem biex taħseb fih? Ftit anqas mill-allat għamiltu, żejjintu bis-sebħ u l-ġmiel, qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk".

Aħna nistqarru li nemmnu u rridu nwasslu l-messaġġ li f'kull persuna hemm ix-xbieha ta' Alla. Aħna nistqarru li rridu nibqgħu nemmnu u nistqarru li bl-għajnejn tal-fidi tagħna se nkomplu naraw din ix-xbieha f'kull persuna. Irridu nkomplu nistqarru li din ix-xbieha tinsab indaqs fid-dinjità ta' kull raġel u mara; fil-persuni li huma mbegħdin mill-Mulej u li forsi qed jidhru li qed ifixklu l-missjoni tal-Knisja; lil dawk li jħaddnu twemmin li mhuwiex tagħna; lil dawk li huma ta' kulur ta' ġilda u nazzjonalità differenti minn tagħna u li forsi jinsabu fostna għaliex kellhom jaħarbu minn pajjiżhom; lit-trabi fil-ġuf ta' l-omm, lill-anzjani li huma morda u forsi kultant abbandunati. Nistqarru li aħna naraw il-kobor u s-sbuħija ta Alla fil-Ħolqien, iżda naraw wiċċu b'mod speċjali f'kull bniedem hu min hu.

Aħna nistqarru li bil-magħmudija rċevejna din il-grazzja li nkunu mmarkati minn Alla, iżda wkoll il-missjoni li nxandru din l-Aħbar it-Tajba u nagħmlu possibbli li min qiegħed ifittex lil Ġesù, jersaq lejh permezz tax-xhieda f'ħajjitna tal-Ħajja tiegħu. Din hija l-Knisja li aħna nagħmlu parti minnha. Aħna l-lum nitolbu lill-Mulej biex jimliena l-ewwel bil-mod kif iħobbna hu, f'esperjenza personali miegħu fit-talb; nitolbu lill-Mulej biex ngħixu din l-imħabba bħalma għexha Hu: bla preġudizzji lejn ebda persuna, u b'imħabba speċjali għal dawk li nistgħu ntaffu t-tbatija tagħhom bl-imħabba tal-Komunità Nisranija tagħna: il-fqar u l-abbandunati; dawk fil-ħabs, il-morda. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jkattrilna l-Fidi ħalli ngħadduha wkoll lil dawk li qegħdin ifittxu għarfien u ħbiberija akbar mal-Mulej.

## Inħejju t-Triq għall-Mulej

Aħna konxji li l-missjoni tiegħi u tal-Knisja hija li nħejju t-triq għall-Mulej, f'dan il-proġett tiegħu ta' Mħabba. Nitolbu li jqiegħed fina disponibbilta', hekk li xejn ma nichdu minn dak li jrid jagħmel fina u permezz tagħna; nitolbu lill-Mulej umilta', ħalli dak li nagħmlu, nagħmluh dejjem għax imnebbħin minnu, u b'tama kbira fil-provvidenza tiegħu; aħna nitolbu li jsaffi dak kollu li bħalissa qiegħed ifixkel din il-missjoni fil-ħajja tagħna personali, fil-familji u fil-komunità nisranija. Nitolbu b'mod speċjali li l-familja Maltija tkun dik il-benniena fejn dan kollu jingħex u jiġi mgħoddi lill-ulied.

## Proponimenti

Jiena nixtieq li jkunu tiegħi xi wħud mill-proponimenti li għamel il-Beatu Papa Ġwanni XXIII fl-irtir tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu fl-1925:

"Jiena ma fittixtx jew xtaqt dan il-ministeru tiegħi; il-Mulej għażilni... imiss lilu li jgħatti n-nuqqasijiet tiegħi, u jimla l-limitazzjonijiet tiegħi.... Jiena nħoss u naf li jien bla saħħa u mhux kappaċI, raġuni oħra biex nibqa' umli, ħafna ħafna umli. Jien irrid li nkun kollni u totalment għal Alla, mimli bid-dawl tiegħu, niddi bl-imħabba għal Alla u għall-erwieħ tal-bnedmin.

Jalla l-ministeru tiegħi jkun wieħed ta' Rikonċiljazzjoni fil-kelma u fl-għemil; u l-predikazzjoni tiegħi mhux fil-persważjoni tal-kliem ta' l-għerf uman, iżda fil-wirja ta' l-ispirtu u l-qawwa; u l-awtorità li ġiet mogħtija lili mill-Knisja, qatt ma tiġi wżata għall-glorja tiegħi – użata mhux biex tkisser iżda biex tibni..."

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Mulej għad-don ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, li l-Mulej tana bħala Ragħaj Spiritwali tal-Knisja f'Malta, u li jiena nqisu bħala kollaboratur mill-qrib tiegħi fil-qadi tal-Ministeru.

Nitlob lil Missierna San Pawl, dak li l-Provvidenza Divina wasslitu fuq din il-gżira biex insiru nafu l-Bxara t-Tajba, biex ikompli jħares il-Knisja li qed tkompli l-Missjoni tiegħu.

Nafda f'idejn Marija Ommna din il-Knisja li hija l-Ġisem Mistiku ta' Kristu f'Malta, biex kif ħadet ħsieb Binha Ġesù, hekk ukoll tieħu ħsieb din il-preżenza tiegħu fi gżiritna.

Inħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minnkom, dawk li qegħdin preżenti hawn, iżda wkoll lil dawk li huma fi djarhom, biex jgħinuni bit-talb u bil-ħidma nisranija tagħhom. Nitlob lill-koppji miżżewġin biex, flimkien mat-tfal tagħhom, jitolbu għalija. Nitlob liż-żgħażagħ biex ifittxu wkoll il-ferħ li jaqdu lill-Mulej fiż-żgħożija tagħhom. Nitlob lill-morda biex jgħaqqdu t-tbatija tagħhom mas-Salib u l-Qawmien ta' Ġesù. Nitlob lil kull membru tal-Knisja biex ikun qrib tiegħi f'din il-Missjoni biex flimkien dejjem iktar nagħmlu Knisja skond il-Qalb ta' Ġesù. Il-Mulej ibierek lil kull wieħed u waħda minnkom.

KonKattidral ta' San Ġwann
26 ta' Jannar 2007

# Messaġġ ta' l-Arċisqof Pawl Cremona OP lill-emigranti Maltin fl-Awstralja

Il-lum, l-Erbgħa, 7 ta' Frar 2007, żort il-Kummissjoni Għolja Awstraljana f'Malta biex insellem lill-E.T. Mr. Jurek Juszczyk, ir-rappreżentant ta' l-art li fiha hemm l-aktar għadd ta' Maltin emigrati, fil-preżenza ta' delegazzjoni tal-Kummissjoni Emigranti, tal-Friends of Australia Association u tal-Maltese-Australian Association.

F'din l-okkażjoni, irrid insellem lilkom, ħutna Maltin, emigrati minn artna għall-Awstralja, lil uliedkom u forsi wkoll lil ulied uliedkom. Insellem b'mod speċjali lil dawk kollha li li jżommu l-komunità Maltija magħquda bejnietha, ma' qrabatha u ma' artna u lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li jgħinu lill-komunita Maltija tgħix il-fidi tagħha.

Jiena nammira lill-emigranti għaliex huma wrew li huma nies beżlin u li biex jaħdmu, u biex jieklu huma u jitimgħu l-familja tagħhom, issagrifikaw lilhom infushom mill-għeżież tagħhom u minn artna u arthom.

Nammirahom għaliex huma nies li jħobbu l-familja tagħhom. Uħud mill-irġiel emigraw għal rashom, l-ewwel, biex jaħdmu u jibagħtu lill-familja l-għajnuna meħtieġa biex tgħix, u fl-istess ħin iwittu t-triq biex il-familja tingħaqad magħhom aktar tard. Nammirahom għaliex baqgħu f'rabta ma' l-għeżież tagħhom – ġenituri u qraba oħra - u ma' artna. Nammirahom ukoll għaliex għarfu jżommu l-fidi tagħhom u jsaħħu l-Knisja lokali. Nammirahom għaliex bl-imġiba tajba tagħhom għamlu ġieh lilhom infushom u lil art twelidna.

Għalhekk insellmilkom, nifirħilkom u nirringrazzjakom.

Ngħid grazzi mill-qalb lill-assoċjazzjonijiet li twaqqfu fid-diversi Stati ta' l-Awstralja biex jgħinu lill-Maltin fil-ħtiġiet tagħhom, li għarfu jżommuhom magħqudin bejniethom fi spirtu ta' mħabba; lill-ġurnali – l-aktar wieħed bi storja twila "The Maltese Herald", lill-mezzi ta'

komunkazzjoni soċjali li fittxew u jfittxu li jżommu lill-Maltin marbutin bejniethom u ma' artna, u lil dawk kollha li kisbu xi kariga ċivili għall-isem u ġieh li taw lil art twelidna. Insemmi fosthom lill-Ministru John Aquilina.

L-emigrazzjoni hija paġna ta' storja. Storja ta' partenzi. Imma storja ta' mħabba: storja ta' firda, tluq, ritorn wara ċertu żmien biex wieħed iżur lill-għeżież tiegħu u lil artu; perijodu ta' stedin biex ommijietkom u missierijitkom jiġu jarawkom u jserrħu moħħhom li intom qegħdin tgħixu tajjeb. Imbagħad perijodu ta' stabilità jew ritorn ta' uħud lejn artna.

Issa li l-emigrazzjoni tal-massa spiċċat ghal kollox, deħlin fi żmien ta' bini ta' Mużew. Imma Mużew ta' tifkira, ta' mħabba u ta' rabta. Mużew li jżomm lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna f'rabta magħkom u ma' dak li għamiltu.

F'dan l-ewwel messaġġ tiegħi bħala Arċisqof ta' Malta, xtaqt infisser r-rabta tiegħi magħkom u mal-Maltin emigrati f'artijiet oħra u l-apprezzament tiegħi bħala Isqof lejn l-imħabba tagħkom għall-familja, kemm bit-trobbija li tajtu lil uliedkom kif ukoll għar-rabta li għaraftu żżommu ma' ommijietkom, missierijietkom, ħutkom u qraba għeżież oħra u ma' artna. Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi ukoll għall-fidi li għaraftu żżommu u ssaħħu fil-pajjiż.

Xtaqt fuq kollox bħala Isqof insellem lil ħuti s-saċerdoti Maltin – djocesani u religjuzi - li b'imħabba ġew l-Awstralja biex jgħinukom iżżommu l-fidi tagħkom ħajja. Insellem ukoll lis-sorijiet u lil-lajċi għal kull għamla ta' ħidma fejjieda li qegħdin iwettqu fostkom: tmexxija ta' skejjel, tmexxija ta' djar ta' l-anzjani, tagħlim tal-katekiżmu. Nassigura lis-saċerdoti Maltin u sorijiet anzjani li nżommhom fit-talb tiegħi.

Nirringrazzja lill-awtorità ekkleżjastika lokali li dejjem apprezzat il-ħidma tagħkom u waslet biex tirrikmanda li Mons. Joseph Grech, Malti bħalna, jiġi nominat Isqof. Insellimlek Mons. Isqof Grech.

Jiena nittama li bħall-isqfijiet ta' qabli, Mons. Mikiel Gonzi u Mons. Ġużeppi Mercieca - meta nkun qgħadt ftit f'posti, niġi sa ħdejkom biex narakom, inġib miegħi x-xewqat sbieħ tal-familjari tagħkom u ta' Malta u nsir nafkom aħjar.

Nittama li f'qasir żmien ikolli l-opportunità nsellem ukoll lill-Maltin emigrati fl-Istati Uniti ta' l-Amerka u l-Kanada.

Il-Mulej iberikkom ilkoll.

**✠Pawl Cremona O.P.**
**Arċisqof ta' Malta**

07 ta' Jannar 2007

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lill-Missjunarji Maltin f'Jum il-Festa ta' l-Appostlu Missierna San Pawl

Il-lum, 10 ta' Frar, data li fiha qegħdin infakkru l-miġja ta' San Pawl f'artna u d-data tal-Magħmudija tal-Familja Maltija, nistedinkom tingħaqdu miegħi f'tislima lil aktar minn 250 saċerdoti ħutna Maltin li, f'isem l-arċidjoċesi tagħna qegħdin jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna, u f'talba għal tant saċerdoti li mietu fl-art li fiha kienu qegħdin iwettqu l-missjoni tagħhom. Nixtieq li nsellmu wkoll lill-għadd ta' sorijiet u lajċi li qegħdin jaħdmu fil-kamp missjunarju – jgħallmu l-katekiżmu u jwettqu opri tal-ħniena fi djar għat-trabi, tfal, żgħażagħ, anzjani u nies b'xi diżabilità.

Insellmulkom għeżież saċerdoti, reliġjużi u lajċi. Ngħidulkom grazzi għall-ħidma li qegħdin twettqu għat-tixrid u tisħiħ tal-fidi u nieħdu gost ngħaqqdukom magħna fit-talb tagħna l-lum fiċ-ċelebrazzjoni li qegħdin nagħmlu f'ġieh l-għażiż Missierna San Pawl. Nitolbu bil-qalb għalikom, għall-ħidma tagħkom u għall-għeżież li ħallejtu warajkom hawn Malta.

Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għan-numru sabiħ ta' żgħażagħ barranin li qegħdin jingħaqdu mal-Ordnijiet Reliġjużi Maltin – kemm dawk irġiel kif ukoll nisa – barra minn Malta, għall-għadd ta' vokazzjonijiet li nibtu fost ulied il-familji ta' Maltin emigrati, għall-għadd ta' żgħażagħ li ngħaqdu ma' Ordnijiet Reliġjużi li ma għandniex rappreżentanza tagħhom hawn Malta.

Inżid li jien nieħu gost nara u nisma' b'vokazzjonijiet missjunarji li jinbtu fis-Seminarju u Ordnijiet Reliġjużi. Anzi nixtieq li fl-okkażjoni ta' din il-festa nibda nkun imdawwar bis-saċerdoti li għal xi snin wettqu ħidma missjunarja u nibda npoġġi jdejja fuq dawk li jagħżlu li jwettqu ħidma missjunarja. Ma naħsibx li nista' nagħti gost aktar lil San Pawl milli npoġġi jdejja fuq dawk li juru vokazzjoni missjunarja.

Aktar kmieni din il-ġimgħa jiena sellimt lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li qegħdin jaħdmu fost l-eluf kbar ta' emigranti Maltin fl-Awstralja. Il-

lum, festa ta' San Pawl, insellem lis-saċerdoti, reliġjużi u missjunarji Maltin kollha, Nitlob bil-qalb li l-barka tal-Mulej tinżel fuqkom u tkun magħkom.

**✠Pawl Cremona O.P.**
**Arċisqof ta' Malta**

10 ta' Frar 2007

# Messaġġ ta' l-Arċisqof Pawl Cremona OP lill-Emigranti Maltin fl-Amerika ta' Fuq

Ġejt fl-Ambaxxata ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerka biex insellem lill-E.T. is-Sinjura Molly Bordonaro; insellem u nirringrazzja lill-art - li hi tirrappreżenta b'tant ħila – għall-akkoljenza li tat lil eluf ta' Maltin li emigraw għal din l-art ta' żvilupp biex jibnu ħajja ġdida għalihom u għall-familji tagħhom u biex fil-bidu tal-episkopat tiegħi nsellem minn hawn lill-Maltin ħutna u lill-familji tagħhom u wliedhom u wlied uliedhom li qegħdin jgħixu fl-Amerika ta' Fuq – l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada - u nawguralhom.

Ġejt ukoll biex nirringrazzja lill-Istati Uniti ta' l-Amerika għas-sens ta' komprensjoni li wriet meta riċentement u għal darb'oħra reġgħet aċċettat li tilqa' għadd ta' refuġjati minn Malta. Din l-inizjattiva, minn waħda mill-artijiet ta' l-immigrazzjoni, li tilqa' refuġjati li għandhom qraba jgħixu f'artha hi apprezzata ħafna – għaliex, barra li tgħin lil art twelidna ġgorr dan it-toqol, tagħti lok għall-għaqda tal-familji.

Insellmilkom ħuti Maltin, nirringrazzja lil missirjietkom u lilkom għall-isem li bil-kapaċitajiet u l-imġiba tagħhom u tagħkom tajtu lil artna u talli fittixtu li żżommu u tiżirgħu l-fidi fil-familji tagħkom. Insellem ukoll lilkom li fittixtu li żżommu l-identita' Maltija u tgħadduha lil uliedkom. Insellem lill-Kumitati tal-Clubs li jippruvaw iżommu lill-Maltin magħqudin fi spirtu patrijottiku u nisrani. Grazzi.

Il-paġni ta' l-istorja tal-Maltin fl-Amerika ta' Fuq huma xhieda ta' spirtu Malti mill-isbaħ. L-istorja ta' ħidma soċjali, tal-ġurnali, tax-xandiriet bir-radju, ta' l-iskejjel, l-istatwa ta' San Pawl f'Detroit, il-bini ta' knejjes dedikata lil San Pawl, f'California u Toronto, id-devozzjoni Marjana fost il-Maltin ta' New York l-aktar f'Astoria. ix-xbiha tal-Madonna ta' l-Emigranti venerata fil-knisja St Paul the Apostle f'Toronto, ir-ritratti ta' ħarġiet u attivitajiet b'mijiet ta' Maltin miġburin flimkien u l-kopji tar-reġistri battesimali, matrimonjali u tal-mejtin konservati jdommu storja mill-isbaħ.

Nifraħ u nirringrazzja wkoll lilkom, il-Komunità Maltija fl-Amerika, għall-kontribuzzjonijiet u opri ta' beneficenza li wettaqtu ma' artna. Dan jixhed l-ispirtu sabiħ li rċevejtu mingħand l-għeżież tagħkom u r-rabta li żammejtu ma' artna.

Ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ bla ma nsellem lill-għeżież saċerdoti u reliġjużi għall-kontribut siewi li taw ta' qabilkom u li qegħdin tagħtu intom. Dan hu frott tagħkom.

Nittama li jkolli l-opportunità niġi nżurkom u tgħinuni nżur il-komunità Maltija fl-inħawi milħuqin minnkom.

Il-Mulej iberikkom ilkoll.

**✠Pawl Cremona O.P.**
**Arċisqof ta' Malta**

13 ta' Frar 2007

# SEMINAR DWAR IX-XOGĦOL
Diskors ta' Mons Arċisqof Pawl Cremona OP

## Xogħol u progress

L-ewwelnett, nirringrazzja ħafna lill-organizzaturi tas-seminar, għax naħseb li dan is-seminar jirrifletti dak li l-Knisja tixtieq; fis-sens li l-Knisja tagħraf – qalha l-Papa Benedittu XVI, fl-Enċiklika 'Deus Caritas Est' - li l-kwalità tal-ħajja f'kull post mhix responsabbilta' diretta tal-Knisja, imma hija responsabbilta' ta' l-Istat.

It-tieni ħaġa, il-Knisja tidħol biex tagħti d-dawl Nisrani b'dawn il-ħsibijiet soċjali li, mbagħad, l-Istat, irid jirrifletti fuqhom u jagħżel.

Allura, dan is-seminar tal-lum tana dan id-dawl. Naħseb li fil-ħajja tagħkom intom ikollkom bżonn tidħlu f''issues' partokolari - bilfors. Inħares lejn il-unions, lejn min iħaddem. Il-lum kellna ċ-ċans li nirriflettu: Qabel l-'issues' partikolari, x'hemm? Qabel ma jiena ngħid, 'isma', il-problemi, dak li hemm bejn persuna u oħra', x'inhi l-persuna? X'inhu x-xogħol? Dan hu l-kontribut speċifiku u importanti li l-Knisja trid tagħti lis-soċjetà Maltija.

It-tielet, allura, jiġi li l-Papa Benedittu qal li f'dan id-dawl huma l-lajċi Nsara, li jkunu ispirati mit-tagħlim tal-Knisja, li b'mod speċifiku, fil-kamp tagħhom, japplikaw, jaħdmu, ħalli dan it-tagħlim ikun verament il-qafas, il-qofol, ta' din il-mixja soċjali.

**Promozzjoni umana u solidarjetà**
X'inhuma, f'dawn id-dawl, iż-żewġ kelmiet 'xogħol' u 'progress'? Tafu li, fil-Knisja, kien hemm anke bidla; għaliex l-ewwel kien hemm l-Enċiklika 'Populorum Progressio' – il-progress huwa l-isem ġdid tal-paċi. Imma kien hemm xi pajjiżi li bdew jifhmuh b'mod differenti, fis-sens li 'l-aqwa li aħna l-pajjiż jimxi 'l quddiem u jkollna allura iktar għana'.

Il-Knisja, il-progress bdiet tifhmu b'mod iktar wiesgħa. Il-progress, jekk ma jkunx hemm promozzjoni umana, ikun hemm progress finanzjarju

biss, mhux l-iskop li trid tgħallem il-Knisja. Mal-progress irid ikun hemm ukoll is-solidarjetà – li tfisser li d-drittijiet mhux billi tannunzjahom, imma trid tgħin lil dawk li ma jaslux għad-drittijiet biex ikollhom iċ-ċans li huma jiksbu d-drittijiet. Għalxejn tgħidlu 'dritt' u meta ma jasalx tħallih waħdu: trid tgħinu.

Għandek il-promozzjoni umana; għandek is-solidarjetà.

X'inhu x-xogħol? It-teoloġija tax-xogħol, tal-Knisja, hija bbażata fuq il-Ġenesi. Hemmhekk għandek riflessjoni, li hi ġejja mingħand Alla, li tagħtina ħafna dawl fuq ħafna affarijiet.

X'tgħidilna fuq ix-xogħol? L-ewwelnett, fuq id-dinjità tax-xogħol; u Ġesù kompliha għax ġie bin mastrudaxxa. It-tieni ħaġa, ix-xogħol huwa mmarkat fl-ewwel żewġ kapitli tal-Ġenesi; qabel id-dnub. Mela x-xogħol ma nistgħux inpoġġuh bħala effett tat-tbatija tal-bniedem. Qabel dik irridu x-xogħol irridu npoġġuh bħala li huwa parti mid-dinjità tal-bniedem; huwa espressjoni tiegħu u jrid iwasslu biex jikber. It-tielet, ix-xogħol huwa koperazzjoni ma' Alla f'dinja li tista' tkun aħjar. Alla jagħtik siġra; ix-xogħol minn dik is-siġra jagħmel mejda. Hija koperazzjoni ma' Alla. Għalhekk il-bniedem għandu wkoll post speċifiku fl-istorja tal-ħolqien. Ir-raba, il-Mulej tah ix-xogħol, lill-bniedem, biex ikun jista' jipprovdi għalih innifsu.

Hemm żewġ forom ta' serq. Hemm is-serq ta' min, fil-kontest tal-proprjeta' privata, xi ħadd jeħodlu dak li għandu. Imma hemm riflessjoni wkoll li jista' jkun, fil-kuntest anke legali, ta' dak li għandu pajjiż jew bniedem, ikun qed jisraq lil dak li jkun; għax il-fqir għandu dritt anke mill-affarijiet li Alla l-Imbierek ikun ta.

Hemm ukoll l-element tat-tbatija: fil-kuntest tat-tbatija li aħna rridu ngħixu, kif se nippruvaw intaffu għall-bniedem li jaħdem it-tbatija li tiġi minn ħafna aspetti.

**Progress u dinjità**

It-tieni ħaġa, x'inhu l-progress?

Il-progress irid ikun marbut mad-dinjità umana. Fil-'Populorum Progressio' għandna li l-progress irid ikun dirett lejn it-tajjeb veru ta' kull persuna u tal-persuna sħiħa. Dan il-progress, f'dinja li qed tiġi iktar globalizzata, qed jiġi iktar progress fejn l-ebda pajjiż ma jista' jkollu iktar progress fih innifsu.

F'wieħed mill-interventi li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II qal li għalxejn inti tgħid fuq id-drittijiet tal-persuna jekk ma titkellimx fuq id-drittijiet ta' l-Istat. Jekk għandek pajjiż fqir, tista' inti titkellem fuq id-drittijiet? L-ewwel ma trid tagħmel hu li l-pajjiż ma jibqax fqir; inkella għalxejn. Bniedem fl-Afrika, f'pajjiż fqir, u bniedem f'pajjiż sinjur, ngħidu li għandhom l-istess drittijiet. Imma jekk l-Istat ma jistax jipprovdihulu, x'jista' jagħmel?

Mela għandek dinja iktar globalizzata. L-ewwel konna progress f'terminu ta' nazzjon; issa globalizzat. Issa l-Knisja qed tirrifletti wkoll mhux biss globalizzat għaliex twessgħa, imma twessgħa anke fiż-żmien.

L-ambjent: jekk il-progress qed ifisser li aħna qed naħlu l-ambjent li għandna l-lum, dan ifisser li qed nisirqu l-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Dak li aħna writna ħlejnihulhom u ta' warajna se jkunu fqar. Il-progress mhux awtomatiku; il-progress qatt mhu awtomatiku, qatt ma tista' tħallih waħdu, iżda jrid ikun f'idejn il-bniedem.

F'dan il-kontest, x'inhi l-persuna? L-ewwelnett, il-persuna hija hi nnifisha u d-dinjità tagħha trid tiġi rispettata b'mod holistiku; it-tieni, hija persuna li tgħix ġewwa familja – allura trid tipprovdi lill-persuna l-possibiltajiet biex il-familja tagħha ma tbatix f'dak li tkun trid biex tgħix; it-tielet hija ovvjament persuna li qed tgħix f'komunità u allura hu importanti dak li qed tagħti.

Il-lum, anke fil-kontest tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, it-taxxi għandhom importanza differenti. Qabel it-taxxa konna pjuttost inqushom xi ħaġa mposta etc, waqt li l-lum t-taxxi huma l-mod kif il-bniedem li jaħdem ikun jista' jgħin anke lill-bniedem li ma jistax. It-taxxi għandhom din il-forma soċjali; għalhekk saret valutazzjoni morali differenti tat-taxxi.

## Il-kunsumiżmu

Fil-kuntest ta' l-istorja, niżżuħajr lil Alla, kien hemm ir-rivoluzzjonijiet industrijali u r-rivożoluzzjonijiet li ġew wara, għax niżżuħajr lil Alla għamlu dinja iktar għanja.

Niżżuħajr lil Alla wkoll għall-unions tal-ħaddiema li mbagħad taffew it-tbatija li ġiet, kif ukoll ġiebu tant drittijiet.

Naħseb li l-lum għandna sfida li forsi hija kbira ħafna, li huwa l-konsumiżmu.

Qabel kellna żewġ forom: l-ewwel kellna 'taħdem biex tgħix', imbagħad kellna 'tgħix biex taħdem'.

Il-lum għandna 'taħdem biex tixtri'. Il-konsumiżmu dan li qed iġib; li hemm din il-problema kbira ta' konsumiżmu.

Il-problema tal-konsumiżmu mhux li tixtieq tixtri, imma li biex tixtri inti ma tibqax kuntent b'li għandek. Jista' jkun dan kawża ta' tant skuntentizza li qed naraw?

Inpoġġiha bħala sfida lil kulħadd – u nirringrazzjakom - forsi bil-ftit tagħna, tal-Knisja, u tagħkom ukoll minn diversi ambjenti, nagħmlu dinja ftit aħjar, iktar tixraq lill-bniedem.

23 ta' Frar 2007

# ITTRA PASTORALI GĦAR-RANDAN 2007
mill-Arċisqof ta' Malta

**L-għażla tan-Nisrani**

Għeżież uliedi, li ġe[illegible] [illegible] fit-tmexxija tiegħi bħala Arċisqof tagħkom.
Intom ukoll ħuti fis-Saċerdozju Ministerjali u ħuti fil-Magħmudija.

Jiena qiegħed niktbilkom għall-ewwel darba minn mindu ġejt maħtur Arċisqof ta' din l-Arċidjoċesi. F'din l-Ittra Pastorali xtaqt naqsam magħkom dak li jien inħoss huma l-valuri l-iktar importanti għal żminijietna u li joħorġu mill-Fidi tagħna f'Ġesu' Kristu. Dawn ġew mgħoddijin lilna permezz tal-Knisja li huwa waqqaf.

Aħna qegħdin f'mument fejn kull nisrani jrid ifittex dak li jimmarkah bħala nisrani, l-identita' nisranija tiegħu, fuq bażi personali. Dan huwa importanti għaliex din il-fidi tagħna rridu ngħixuha f'dinja li twassal messaġġi differenti minn dawk tat-twemmin tagħna.

Inħajjar lil dawk l-insara li għadhom qrib il-Knisja biss għaliex ma ċaħdux il-fidi li rċevew mingħand il-ġenituri tagħhom u ma kibrux fiha, biex jidħlu iktar fil-fond fil-ħbiberija mal-Mulej.

Inħeġġeġ lil dawk l-insara li tbiegħdu mill-Knisja għaliex iħossu li dak li rċevew fil-fidi ma kienx qawwi biżżejjed biex jikkonvinċihom jibqgħu fil-Knisja, biex jerġgħu jiskopru lil Sidna Ġesù Kristu fil-Knisja.

Nitlob lil kull nisrani u bniedem ta' rieda tajba biex jagħmel il-mistoqsija li kien għamel San Pawl Missierna fil-Konverżjoni tiegħu: 'Min int, Mulej? Xi tridni nagħmel, Mulej?' Bħal San Pawl, dawn il-mistoqsijiet iridu jkunu l-bidu ta' ħbiberija ġdida li twassal lil kulħadd lejn għarfien ġdid ta' Kristu fil-Knisja permezz tal-Kelma ta' Alla u ta' l-Ewkaristija.

## Il-Bxara t-Tajba

Meta l-Papa ġwanni Pawlu t-Tieni ġie Malta, huwa qalilna li l-Bxara t-Tajba hi "Alla jħobbok!" ħamsa u disgħin fil-mija tal-Maltin qalu, fi stħarrig li sar, li jemmnu f'Alla. Iżda kemm minn dawn verament fittxew u daqu din il-Bxara t-Tajba? Forsi xi wħud ħasbu li biżżejjed ma tiċħadx lil Alla u tużah biss meta jkollok bżonnu.

Alla ma jitfixkilx, xorta jibqa' jħobbni, għax ma jafx ma jħobbx. Iżda l-imħabba ta' Alla tagħti frott tajjeb fina meta nilqgħuha u tibda tagħmel bidla fina. Din hija l-vera mħabba f'kull relazzjoni, anki bejn il-miżżewġin. Billi r-raġel jew il-mara tħobbni, x'differenza se tagħmel fija jekk nibqa' nabbuża biss b'din l-imħabba? X'differenza se tagħmel jekk il-fatt li nirċievi l-imħabba ta' min iħobbni ma jibdilnix, hekk li nagħti lura l-imħabba li rċevejt? Għalhekk il-Papa Benedittu Sittax kiteb l-Enċiklika tiegħu '*Deus Caritas Est*', (Alla huwu Mħabba) proprju biex jispjegalna x'inhi l-vera mħabba.

Huwa dan il-ħsieb li xtaqt li naqsam magħkom f'din l-Ewwel Pastorali. Kull wieħed minna hemm bżonn li jilqa' din l-offerta u sfida ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù: 'Kif tista' tkun daqshekk xħiħ miegħi fil-ħin, fl-attenzjoni, fil-ħsieb, fl-għemil, fix-xiehda tiegħek quddiem l-oħrajn, meta jien bgħattlek lil Ibni biex nikseb l-imħabba tiegħek?'

Min jirrifjuta din l-offerta ta' Alla biex iħallih iħobbu, ikun qiegħed b'xi mod, ukoll jekk ma jkunx qiegħed jgħidha bil-kliem, jiċħad id-differenza kollha li jagħmel Ġesù fil-Fidi u fil-ħajja tagħna.

## Il-Misteru ta' l-Għid

Ġesù għallimna ħafna fuq il-mod kif iħobbna Alla u kollha jfarrġuna. Iżda l-aktar ħaġa importanti li qalilna ġesu' kien li Alla l-Missier iħobbna b'imħabba 'infinita'. Din il-kelma tfisser li l-imħabba li biha jħobbna Alla hija 'bla truf', bla limiti. Dan ifisser li l-anqas il-limiti li nqiegħed jien – ta' dnub, ta' aljenazzjoni, anki ta' ċaħda tiegħu – ma jfixkluh milli jkompli jħobbni. Dan narawh għaliex jibqa' jsejjaħli u jiġri warajja biex nersaq lejh.

Iżda din il-kelma 'infinita', tfisser ukoll xi ħaġa ikbar.

L-imħabba ta' Alla, la hi verament ta' Alla, ma tistax tkun għal din id-dinja biss. Ladarba Alla huwa etern, jibqa' għal dejjem, ma jistax iħobbni għal din id-dinja biss. Hu jkompli jħobbni anki meta jien intemm ħajti f'din id-dinja. Hu jibqa' jħobbni f'realtà oħra, għal dejjem.

L-ebda nisrani ma jkun qiegħed jilqa' l-Misteru kollu ta' l-imħabba ta' Alla l-Missier kif uriha Ġesu' jekk ma jemminx li għandu l-ħajja ta' dejjem.

Jekk jiena nersaq lejn Alla biex jgħinni fil-ħtiġijiet materjali biss, u mhux biex jurini t-triq tal-ħajja ta' dejjem, qiegħed naċċetta parti waħda biss mis-sbuħija tal-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù.

Inkun qed naċċetta dak biss li jgħaddi mill-għarbiel tal-moħħ tiegħi, u mhux dak li jgħaddi mill-fidi. Jekk nisrani jgħaddi l-ħajja tiegħu u qatt ma jitlob lill-Mulej li jara wiċċu, anki jekk jgħix għomor twil, għadu mhux qed jaċċetta l-Bxara t-Tajba sħiħa.

Jiena nitlob lil kull nisrani biex ma jiddejjaqx jaħseb fuq din l-imħabba u jitlobha. Irridu nemmnu li dak li għad-dinja li qed ngħixu fiha, huwa 'bluha', għalina hija ħafna importanti u relevanti, għaliex hija l-ħajja. Dan il-ħsieb għandu jkun għajn ta' ħafna ferħ u paċi għal kull min jidħol fih.

Dan tant huwa importanti għal Alla l-Missier li bagħat lil Ibnu fostna. Hu ġie jħabbrilna din il-Verità tas-Saltna ta' dejjem li għaliha kulħadd huwa msejjaħ. U Ġesù, kien lest li jħallas il-prezz tat-tbatija u l-mewt li tajnieh aħna l-bnedmin biex dan iseħħ. Meta għeleb il-mewt billi qam mill-mewt, għamilha possibbli li aħna wkoll inqumu għal dejjem.

Din hi l-verità li tferraħ lil kull min jemmen. Mingħajrha, il-motivazzjoni biex ngħixu ħajja nisranija tkun dgħajfa. Għalhekk San Pawl Missierna jgħallimna li aħna nitgħammdu u nieħdu sehem fl-Ewkaristija bħala tiġdid fil-grazzja ta' dan il-Misteru.

Jiena nħeġġeġ lil kull nisrani jagħmel riflessjoni ta' spiss fuq din l-imħabba, anki permezz tar-Rużarju Mqaddes.

## Ngħixu l-Qawmien

Il-ħajja ta' Ġesù kienet tagħlima kif se naslu għal din is-Saltna. Is-Saltna hija Saltna ta' Alla li hu Tajjeb. Għalhekk, in-nisrani jrid jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħazin u jgħix it-tajjeb u jisgħobih mill-ħazin. Ġesù ħeġġiġna biex nagħmlu dan meta qalilna biex naħżnu teżori fis-Sema.

Aħna ngħixu dan il-Misteru ta' l-Għid kull darba li nbiddlu xi ħaga ħażina f'xi ħaġa tajba. Jiena nixtieq li nipproponi xi għemejjel li nistgħu nagħmlu tul dan ir-Randan, biex il-ħajja tagħna tkun dejjem iktar xiehda li nemmnu f'dan il-misteru: li taħt kull ħaġa li tidher 'mewt' hemm żerriegħa ta' ħajja lesta li tinbet jekk xi ħadd jieħu l-impenn li jiżragħha.

Dan jiġri kull darba li nbiddel il-vojt li jkolli fil-ħin tiegħi f'mumenti ta' talb jew għajnuna lill-oħrajn.

Dan jiġri kull darba li nbiddel tentazzjoni ta' infedeltà fiż-żwieġ f'iktar imħabba lejn ir-raġel jew il-mara tiegħi; meta naqta' relazzjoni ta' ħbiberija li tista' tqiegħed f'periklu l-familja tiegħi; kull darba li nbiddel il-mewt tat-tgergir u nuqqas ta' attenzjoni fiż-żwieġ u l-familja tiegħi f'espressjoni ta' mħabba u attenzjoni.

Dan jiġri kull darba li nbiddel id-dnub tiegħi f'sogħba u maħfra quddiem Alla; kull darba li nbiddel kelma li toffendi lil Alla f'tifħir lilu; kull darba li nisfida dak li qiegħed ixekkilni f'ħajti u fil-ħajja ta' madwari – xorb żejjed, logħob ta' flus, droga, infedeltà – fi sforz biex infittex l-għajnuna.

Dan jiġri kull darba li nbiddel il-ħsieb li nisfrutta lill-ħaddiema jew il-klijenti f'rispett lejhom; kull darba li jiena, ħaddiem jew klijent, nagħmel id-dmirijiet tiegħi b'ġustizzja u onestà.

Dan jiġri kull darba li nbiddel rabja, mibegħda u weġgħat f'maħfra; kull darba li nkun mezz biex titwitta kull firda – fil-familja, fil-festi, fil-politika – u naħdem għal rikonċiljazzjoni.

Dan jiġri kull darba li nbiddel il-faqar ta' persuna oħra, kull preġudizzju ta' razza, jew reliġjon jew ġilda, f'okkażjoni li ngħin lil ħaddieħor.

Dan jiġri kull darba li ngħix il-mard jew it-tbatija tiegħi f'għaqda ma' Ġesù li jbati u l-oħrajn li jbatu; li ntaffi l-biża' tal-mewt f'tama tal-ħajja ta' dejjem.

## L-eżempju ta' Marija

Sidtna Marija hekk għamlet. Hija għexet it-tbatija u l-mewt ta' Binha Ġesù b'ħafna dieqa. Iżda fl-Atti ta' l-Appostli naraw li hija biddlet dan f'Qawmien għax minflok ma ngħalqet fiha nfisha, marret titlob mad-dixxipli ta' Binha, biex iħejju għall-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuqhom.

Fuq l-eżempju tal-Madonna qiegħed nafdalkom din il-missjoni tul dan ir-Randan. Jalla dan kollu jsibna lesti biex niċċelebraw il-ġimgħa Mqaddsa b'dan l-ispirtu li jbiddlilna l-kwalità ta' ħajja tagħna.

Nagħtikom il-barka pastorali tiegħi b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

L-Erbgħa tar-Rmied, 21 ta' Frar 2007.

✠Pawlu Cremona O.P.
Arċisqof ta' Malta

## Ċirkulari Numru 1

### Talb għax-xita

Peress li qiegħed jinħass nuqqas ta' xita, u sakemm jibqa' jinħass dan in-nuqqas, minn meta tasal din iċ-Ċirkolari fit-Talba tal-Fidili fil-quddies għandha tibda tingħad l-invokazzjoni "**Agħtina, Mulej, xita fejjieda f'waqtha, biex artna ma ċċaħħadniex mill-frott tagħha.**"

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 5 ta' Frar 2007.

✠Annetto Depasquale
Isqof tit. ta' Aradi, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit
Kanċellier

# Ċirkulari Numru 2

**Konċistorju għall-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca**

Mons. Arċisqof għandu l-paċir iħabbar li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI għoġbu jsejjaħ Konċistorju tal-Kardinali biex jesprimu l-parir tagħhom dwar il-kanonizzazzjoni ta' ħames beati, fosthom il-Beatu Ġorġ Preca, saċerdot djoċesan Malti, fundatur tas-Soċjetà għad-Duttrina Nisranija, MUSEUM.

Fil-jum tal-Konċistorju, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2007, Mons. Arċisqof jordna li fil-knejjes kollha tindaqq mota ta' kwarta fl-12.00 pm u li filgħaxija jinxtegħlu l-faċċati tal-knejjes.

Mons. Arċisqof qed jagħti permess lis-saċerdoti biex nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar ikunu jistgħu jqaddsu l-Quddiesa votiva tal-Beatu Ġorġ Preca (li tintuża fil-memorja liturġika tad-9 ta' Mejju).

Xieraq li l-Ħamis 22 ta' Frar jew il-Ġimgħa 23 ta' Frar issir adorazzjoni b'ringrazzjament lil Alla u li fiha jintuża talb tal-Beatu Ġorġ Preca.

Fil-waqt li nirringrazzjaw lil Mulej ta' dan is-sinjal tant qawwi ta' l-imħabba tiegħu għalina, inħeġġu lill-poplu Malti kollu biex ikompli jitħejja għall-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ bi spirtu ta' fidi u għaqda.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 19 ta' Frar 2007.

✠Annetto Depasquale
Isqof tit. ta' Aradi, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit
Kanċelllier

# Kummissjoni Djoċesana Ġustizzja u Paċi: Dokument b'riflessjonijiet dwar Ġustizzja Soċjali

## DJAR U ĦWEJJEĠ OĦRA LI GĦANDHOM X'JAQSMU

### Daħla

F'wieħed mid-dokumenti tiegħu **"Djakonija u Ġustizzja"** (**DG** para 36) is-Sinodu Dijoċesan (1999-2003), emfasizza l-ħtieġa ta' l-istrutturar tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Paċi.

L-għanijiet ewlenin tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Paċi huma dawk li tnissel għarfien tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja billi tistudja u tlaqqa' l-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u leġiżlattivi li jsiru mal-ġustizzja soċjali fl-interess tad-dinjità tal-bniedem u tal-ġid komuni.

Id-dokument qed jipproponi riflessjonijiet dwar argumenti li jintqiesu kruċjali biex tinkiseb il-vera ġustizzja. Dawn l-argumenti jinkludu fost oħrajn: il-politika, ix-xogħol, l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sistema tal-welfer, id-djar, l-ambjent, ir-refuġjati u l-immigranti (**DG** para 14-21).

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tgħid kif taħsibha f'dan id-dokument dwar kemm qed tqum il-proprjetà u x'aċċess hemm għad-djar, l-implikazzjonijiet fuq self ghax xiri ta'djar biż-żieda li għamel il-Bank Ċentrali fir-rata bazi ghas-self ***'central intervention rate'*** u xi riflessjonijiet oħra dwar dawn l-argumenti mill-aspett ta' ġustizzja soċjali mibnija fuq il-Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja kif ukoll fuq ic-***'Charter'*** propost ta' l-Unjoni Ewropea ***"Housing and the European Cohesion Policy"***.

Il-Kummissjoni tawgura li l-kummenti u r-riflessjonijiet tagħha jintlaqgħu fl-ispirtu ta' promozzjoni u tkattir tal-ġustizzja soċjali fuq bażi kollettiva u ma jintużawx bħala arma biex jippromwovu l-interess personali u l-politika partiġana.

# KEMM TQUM IL-PROPRJETÀ U L-AĊĊESS GĦAD-DJAR

## Rapport dwar il-qagħda ta' l-Industrija tal-Bini

Il-Kunsill Konsultattiv ta' l-Industrija tal-Bini (BICC) għadu kemm ħareġ rapport dwar il-qagħda ta' l-industrija tal-bini għall-2005 ***'State of the Construction Industry Report 2005'*** fejn il-punti ewlenin jirriflettu fuq iż-żieda fil-prezzijiet tat-tip ta' proprjetà li normalment, b'sagrifiċċju kbir, hija aċċessibli għal koppji żgħażagħ.

Skond dan ir-rapport, il-medja fil-prezz tal-kuntratti għal appartamenti matul l-2005 żdiedet 20.34% wara ż-żieda medja l-oħra li kien hemm fl-2004 ta'16.6% fuq dik ta' l-2003. Din it-tendenza 'l fuq insibuha riflessa wkoll fl-ewwel kwart ta' din is-sena meta l-istima ta' kemm iqum il-bini kompliet tiżdied bi 11.5% oħra.

Dan ifisser li l-medja mħallta ta' kemm qamu l-appartamenti minn Jannar 2004 s'issa, stmata li żdiedet b' 56.5%.

Il-medja tal-prezzijiet tal-kuntratti għal *maisonettes* matul l-2005, dejjem skond dan ir-rapport, żdiedet b' 15.32% meta mqabbla mal-prezzijiet ta' l-2004. Bħala medja, il-prezzijiet għall-2004 stmati li kienu 17.49% ogħla mill-prezzijiet fl-2003. Huwa stmat ukoll li l-medja fil-prezzijiet tal-kuntratti fl-ewwel kwart tas-sena 2006 żdiedet b' 9.67% meta tqabbilha ma' l-istess perijdou fl-2005.

Dan ifisser li minn Jannar 2004 l-prezz imħallat tal-*maisonettes* żdied b' 48.6%.

L-informazzjoni fir-rapport mibnija fuq dik maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO) *News Releases* fuq prezzijiet ta' proprjetà, il-prezz medju tal-proprjetà kif rappurtat mill- Bank Ċentrali ta' Malta (CBM) fir-rivisti tagħhom ta' kull tliet xhur u, l-informazzjoni mogħtija minn wieħed mill-aġenti ewlenin tal-bini dwar il-prezzijiet tal-proprjetà mqassma f'dawk ta' kategorija għolja u li għandhom numru ta' kmamar tas-sodda.

Dawn l-istatistiċi msemmija ġa sar dibattitu dwarhom fil-pubbliku u fl-istampa, u jidher car li ma hemmx qbil dwar ir-rata ta' inflazzjoni reali tal-proprjetà, minkejja l-istatistiċi offiċjali li ħarġu.

Madankollu, tista' tgħid kulħadd jaqbel li l-prezzijiet ta'l-appartamenti u tal-*maisonettes* żdiedu b'rata li tista' tvarja bejn il-5% u t-30% skond it-tip ta' proprjetà, il-kwalità u n-numru ta' kmamar tas-sodda kif ukoll fejn tkun qiegħda l-istess proprjetà.

## Kemm tqum il-proprjetà u r-raġunijiet inflazzjonarji moħbija

Jidher ċar ukoll mill-istatistika, mir-reklamar tal-proprjetà u mill-fuljetti dwar il-proprjetà li joħorġu l-aġenti tad-djar, li fl-2005 l-prezz medju ta' appartament bi tlitt ikmamar tas-sodda u *maisonette* bi tlitt ikmamar tas-sodda, kienu jqumu bejn wieħed u ieħor Lm55,000 u Lm68,000 rispettivament. Dawn il-prezzijiet issibhom ukoll konfermati fit-tabelli 3.3 u 3.4 tar-rapport.

Għalhekk, xieraq li wieħed jemfasizza, u dan joħroġ ċar miż-żjarat fuq il-post, li d-daqs ta' l-appartamenti u tal-*maisonettes* matul dawn l-aħħar tliet snin ġeneralment wera xejra ta' tinqis fil-firxa ta' l-art mibnija (id-daqs tal-binja) irrispettivament jekk kienx klassifikat bi tlitt ikmamar, u dan meta tqis kollox, jurik żieda relattivament ogħla fil-prezz tal-proprjetà.

Il-Kummissjoni mħassba ħafna wkoll dwar id-drawwa ta' llum fejn minbarra l-aġent ewlieni kuntrattat tad-djar, numru ta' individwi/ konsorzja oħra jindaħlu bil-jedd tas-sostituzzjoni, bħala sensala fil-katina tal-ftehim dwar proprjetà. Din id-drawwa kultant twassal għal sitwazzjoni fejn il-proprjetà li qed tinbiegħ tibdel l-idejn bosta drabi fl-istadji tal-bejgħ/ twaqqigħ/żvilupp tal-bini, qabel ma tasal f'idejn il-proprjetarju aħħari li jkun xtara il-proprjetà biex jgħammar fiha. Din il-prattikka spekulattiva qed tgħin biex tinħoloq inflazzjoni artifiċjali fil-prezz tal-proprjetà li mhux faċli tikkalkulaha sewwa..

Il-fatt li l-proprjetà, il-biċċa kbira djar jew *maisonettes*, qed titwaqqa' qabel ma jgħaddu għaxar snin minn mindu tkun inbniet, huwa aspett ieħor li qed iwassal għal prezz inflazzjonarju għaliex qed jintilef il-prezz

tal-materjal użat fit-titligħ tal-bini bid-dekorazzjonijiet kollha meħtieġa għall-proprjetà. Dan hu wkoll ħala ta' riżorsi u pressjoni bla ħtieġa fuq l-ekonomija Maltija, bla ma jinħoloq il-valur miżjud fl-iżbilanċ dejjem jiżdied ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni.

## L-għażla tas-self għad-dar u l-impatt fuq id-dħul

Il-Kummissjoni mħassba dwar il-parti l-kbira tal-koppji żgħażagħ meqjusa bħala grupp tan-nofs f'dak li hu dħul, li jridu bilfors jirrikorru għal self biex jixtru darhom ta' 80% ta' kemm tqum il-proprjetà msemmija fuq, li għal appartament titla' Lm40,000 u għal *maisonette* Lm55,000. Il-ħlas ta' dan is-self fuq perijodu ta' żmien ta' 35 sena jtalla' ħlas annwali ta' Lm2,352 u Lm3,228. Mhux biss imma ma' dan iridu jiżdiedu l-ispejjeż annwali ta' l-inxjurans fuq il-ħajja u l-proprjetà li flimkien jistgħu itellgħu somma oħra ta' Lm150 fis-sena.

Ir-rata ta' inflazzjoni fuq il-prezzijiet tal-proprjetà, ukoll jekk mibnija fuq il-minimu ta'7%, hija żgur wisq iktar mid-dħul medju li jiżdiedu bih il-pagi u s-salarji u allura il-koppji żgħażagħ li jidħlu fis-suq tal-proprjetà għall-ewwel darba iridu jieklu aktar minn ġewwa biex jiffinanzjaw is-self fuq il-bini.

Tajjeb wieħed jieħu eżempju ta' koppja li tagħżel tkun intaxxata flimkien u taqla' bejn it-tnejn Lm10,000. It-taxxa fuq dan id-dħul titla' għal Lm1,025 u l-kontribuzzjoni ta' l-Inxjurans Nazzjonali għal Lm1,000 (10% tad-dħul) li tħallilhom dħul disponibbli ta Lm7,975. Ejja ngħidu li l-koppja li trid tħallas fis-sena Lm2,352 u Lm3,228 fuq self ta' 35 sena ta' Lm40,000 u Lm55,000 rispettivament kif ukoll Lm150 għal ħlas tal-primjums ta' inxjurans, dan iħallilhom f'idejhom Lm5,473 u Lm4,597 biex jgħixu bihom għal sena jew aħjar Lm456 u Lm383 fix-xahar. Din il-qagħda titlob il-mistoqsija: il-proprjetà f'suq miftuħ tista' tintlaħaq minn koppja bi dħul fis-sena ta' Lm10,000?

## L-għażla tar-Renta

Għażla biex wieħed ikun jista' jakkwista dar tista' tkun, f'ċirkostanzi ideali, il-kiri ta' proprjetà. Madankollu, il-prezz inflazzjonarju tal-

proprjetà ma jħallihiex aktar possibbli għal koppji żgħażagħ biex jagħmlu din l-għażla.

In fatti, kieku wieħed kellu jdaħħal 3.5% fuq l-ispejjeż ta' appartament ta' (Lm55,000) u *maisonette* ta' (Lm68,000) msemmija fuq, il-kera kienet titla' għal Lm1,925 u Lm2,380 fis-sena – ammonti li żgur huma wisq aktar minn dak li jista' jħallas min qed idaħħal paga medja. Din hi raġuni oħra għala koppji żgħażagħ jippreferu jagħżlu li jitgħabbew bil-piż ta' l-għażla tax-xiri.

F'dan il-każ, il-ħlas fis-sena ta' Lm1,925 u ta' Lm2,380 jagħti lill-koppji access ghal-self għad-dar ta' Lm33,000 u ta' Lm40,000 b'rata ta' interessi ta' 4.75% fis-sena għal perijodu ta' 35 sena – żgur li aħjar l-għażla tax-xiri milli tal-kera.

Dan juri ċar sewwa l-importanza u l-urġenza biex isir tibdil serju fil-liġijiet li jeżistu dwar il-kera, bil-ħsieb li joħorġu fis-suq dawk id-djar vojta u jintużaw għal skopijiet ta' kiri. Ta' min jemfasizza li t-tibdil fil-liġijiet tal-kera li kienu preżentati fil-Parlament, qed jitolbu r-responsabbiltà ta' qbil unanimu miż-żewġ partiti politiċi u l-imsieħba soċjali fl-interess tal-ġustizzja soċjali għal dawk li ġenwinament iridu jikru, kif ukoll ekwità komuni mal-proprjetarji ta' dawn id-djar vojta li issa ilhom għal wisq żmien twil imċaħħda milli jdaħħlu xi ħaġa minnhom u/jew idahhlu kera xierqa.

Naturalment, ir-reviżjoni tal-liġi dwar il-kera weħidha mhix ser issolvi problema għal kollox, u allura wieħed irid jaħseb biex jintroduċi miżuri biex jikkontrollaw l-ispekulazzjoni u miżuri biex jiżdiedu l-benefiċjarji ta' skemi implimentati mill-Awtorità tad-Djar.

## Indħil ċentrali fiż-żieda tar-rata

Dan l-aħħar il-Bank Ċentrali ta' Malta, li hu responsabbli għal politika monetarja, żied ir-rata bażika ta' interessi b' 0.25% (25 punt bażiku).

Filwaqt li huwa d-dmir tal-Bank Ċentrali ta' Malta li jindaħal fil-politika monetarja f'livell makro-ekonomiku, irridu bilfors, fl-interess

soċjali tal-ġustizzja, nuru l-implikazzjonijiet li żieda bħal din ikollha fuq koppji miżżewġin u koppji żgħażagħ li ġa qed jitħabtu biex ilaħħqu mal-ħlasijiet tas-self fuq il-proprjetà residenzjali tagħhom.

Għalhekk, wieħed irid jgħid li l-ispiża miżjuda bl-interessi bħala riżultat ta' żieda ta' 0.25% twassal għal medja ta' ħlas ta' interessi fis-sena ta' Lm100 fuq self ta' Lm40,000 u ta' Lm137 fuq self ta' Lm55,000.

Minbarra li din l-ispiża żejda kompliet tissikka d-diffikultajiet finanzjarji tal-koppji żgħażagħ, tqieset ukoll skond il-fondi tal-familji żgħażagħ li dalwaqt se jkollhom jaħsbu biex jipprovdu għall-ġejjieni bil-pilastri tal-pensjonijiet, li mingħajrhom il-livell ta' l-għajxien meta jirtiraw ma jkunx sostenibbli.

## Xi riflessjonijiet mill-aspett tal-ħajja soċjali

***Proprjetà u djar–*** Fit-II Kapitlu tal-Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja taħt l-isem ta' **'Il-Prinċipju tal-Ġid komuni'** insibu li "*il-prinċipju tal-Ġid komuni li miegħu għandna nirrelataw kull aspett tal-ħajja soċjali, jekk tabilħaqq irridu nieħdu t-tifsir kollu tiegħu, joħroġ mid-dinjità, l-unità u l-ugwaljanza tal-popli kollha" (Nru 164).*

*"Il-ħtiġiet tal-ġid komuni għandhom x'jaqsmu mal-provvediment tas-sevizzi essenzjali lil kulħadd, li xi wħud minnhom huma wkoll fl-istess ħin drittijiet umani: fost l-oħrajn, id-djar" (Nru 166).*

Id-Dokument propost ta' l-Unjoni ewropea **'Id-Djar u l-Politika Ewropea ta' Għaqda'** jgħid li "kull persuna li qiegħda fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea għandha l-jedd li tgħix ħajja b'saħħitha, deċenti u li jkollha post fejn toqgħod li tiflaħ għalih u li tibbenefika minn għajnuna li jista' jkun hemm għad-djar biex ikollha garanzija li tista' tgħix b'mod dinjituż skond it-tradizzjoni kostituzzjonali ta' l-Istati Membri" (artiklu 1.2). Barra minn dan, " għandu jkun hemm ġlieda kontra d-drawwiet spekulattivi fis-suq tad-djar minħabba l-impatt negattiv fuq l-istabbiltà tas-swieq kapitali" (artiklu 3.3).

Il-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Paċi mħassba ħafna dwar id-drawwiet spekulattivi endemiċi u bla kontroll li hemm fis-suq tal-proprjetà

u tixtieq tiġbed l-attenzjoni ta' dawk li għandhom sehem fihom, politiku u /jew soċjali, biex iqisu din il-problema bħala prijorità assoluta billi jieħdu immedjatament passi flimkien jekk verament jemmnu li l-inklużjoni soċjali u l-għajxien sostenibbli fil-ħajja mibnija fuq is-sies tal-familja bħala kontributur ewlieni ta' soċjetà b'saħħitha.

Il-Kummissjoni temfasizza li għajxien sostenibbli u tabilħaqq kontra l-faqar ma jistax iħalli barra d-djar mill-aspetti kollettivi tal-ġid komuni, li jinkludi wkoll il-jedd għax-xogħol, għall-ikel, għall-edukazzjoni u għas-saħħa.

**Godfrey Leone Ganado**
**President**
**Kummissjoni Djoċesana għall-Ġustizzja u l-Paċi**

# STQARRIJIET OHRA MILL-KURJA
## Stemma ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

Qed tiġi ppubblikata l-istemma ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

L-istemma tirrappreżenta l-kunjomijiet ta' missier u omm Mons. Cremona (aħmar Cremona, u blu Cauchi); l-arma ta' l-Ordni Dumnikan (kappa sewda fuq abitu abjad); il-palju abjad bi slaleb suwed, li hu s-sinjal tradizzjonali tal-grad u l-awtorità ta' Arċisqof Metropolita li l-Papa jagħti kull sena lill-Isqfijiet il-ġodda nhar id-29 ta' Ġunju, Festa ta' San Pietru u San Pawl.

L-istemma fiha wkoll il-kappell ekkleżjastiku (aħdar) u għaxart iġmiemen fuq kull naħa, li juru l-grad ta' Arċisqof. Fuq wara jidhru wkoll is-Salib ta' Malta, li jindika minn liema pajjiż hija l-persuna ta' l-Arċisqof, u s-salib magħruf bħala "Is-Salib Patrijarkali" jew "Is-Salib Arċipeskopali".

Taħt nett hemm il-motto ta' Mons. Arċisqof Cremona, "Ħejju t-triq għall-Mulej."

09 ta Jannar 2007

# Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq is-Servizz ta' l-Arċisqof Mercieca

Il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jiċċelebra f'għeluq is-servizz tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta se ssir nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar 2007, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, fis-6.30 p.m.

Oriġinarjament din il-Quddiesa kienet se tiġi ċċelebrata nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar. Din id-data kellha tinbidel minħabba mpenn li Mons. Arċisqof Mercieca se jkollu f'Ruma.

Il-Kumitat Organizzattiv ta' din il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr iħabbar ukoll li għal din il-Quddiesa mhumiex se jinħarġu inviti.

Il-Kumitat javża wkoll li fil-KonKattidral ta' San Ġwann se jkun hemm aktar siġġijiet mis-soltu, se jitqegħdu *monitors* li fuqhom wieħed ikun jista' jsegwi aħjar iċ-ċelebrazzjoni f'ċerti postijiet fil-knisja stess, u se jkun hemm *screens* kbar barra l-KonKattidral.

02 ta' Jannar 2007

## Kappillan Ġdid fil-Kalkara

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Anton Galea Scannura bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Kalkara.

Dun Anton Galea Scannura twieled Birzebbuġa fis-17 ta' Lulju 1973 u ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Ġunju 1998.

Wara li sar saċerdot, Dun Anton ta servizz pastorali fil-Parroċċi tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun u ta' San Ġiljan. Ta wkoll servizz bħala Viċi-Parroku u Kanonku fil-Parroċċa ta' Bormla.

05 ta' Jannar 2007

# Il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin tapprova l-miraklu għall-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca

Il-Kardinali u l-Isqfijiet membri tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin approvaw il-miraklu li għandu jwassal biex il-Beatu Ġorġ Preca jiġi kanonizzat.

Il-Kardinali u l-Isqfijiet tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin ħadu d-deċiżjoni tagħhom wara diskussjoni f'laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2007, fil-Palazz Apostoliku ġewwa l-Vatikan. Il-membri tal-Kongregazzjoni ltaqgħu taħt it-tmexxija tal-Kardinal Josù Saraiva Martins.

Wara l-laqgħa, il-Kongregazzjoni nfurmat lill-Postulatur tal-Kawża, Mons Charles J. Scicluna, li d-deċiżjoni kienet pożittiva. Mons. Scicluna nforma immedjatament lil Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca, lil Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof- Elett, u lis-Superjuri Ġenerali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija.

Fix-xhur li ġejjin, il-Kongregazzjoni tħejji digriet dwar il-miraklu u tressqu għall-approvazzjoni tal-Qdusija Tiegħu l-Papa.

F'kull każ ta' kanonizazzjoni, il-Papa jitlob il-parir tal-Kardinali kollha residenti f'Ruma, miġbura f'Konċistorju. Ladarba jkun hemm parir favorevoli min-naħa tal-Kardinali, allura mbagħad tkun iffissata d-data tal-kanonizazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca.

## Fejqan ta' tarbija

Il-miraklu li seħħ bl-interċessjoni tal-Beatu Ġorġ Preca jmur lura għal Lulju 2001, xahrejn wara li Dun Ġorġ Preca ġie iddikjarat Beatu mill-Papa Ġwanni Pawlu II, waqt it-tieni żjara pastorali li għamel f'pajjiżna.

Il-każ hu ta' tarbija ċkejkna li, ftit jiem wara li twieldet, żviluppat kumplikazzjonijiet fil-fwied. It-tarbija ttieħdet l-Isptar San Luqa fejn ġiet

eżaminata u ngħatat attenzjoni minn pedjatriċi Maltin. Madankollu, il-kundizzjoni tagħha marret mill-ħażin għall-agħar. Dan wassal biex it-tarbija tittieħdet f'King's College Hospital, Londra għal aktar kura speċjalizzata.

Fl-14 ta' Lulju, it-tobba u l-ispeċjalisti ddeċidew li l-unika tama biex it-tarbija ssalva kienet li tingħata fwied ġdid. Wara li kienet iffissata data għall-operazzjoni, instab li l-fwied li kien se jingħata lit-tarbija ma kienx jaqbel magħha.

Kien f'dawn il-ġranet ta' qtigħ il-qalb li sar talb ħerqan bl-interċessjoni ta' Dun Ġorġ Preca, u saħansitra tqegħdet fuq it-tarbija ngwanta li kienet intużat waqt l-eżumazzjoni tal-Beatu.

Fl-20 ta' Lulju, il-kundizzjoni tat-tarbija qalbet għall-aħjar, u l-fwied tagħha beda jiffunzjona mill-ġdid. Erbat ijiem wara, it-tobba ddeċidew li t-tarbija ma kellhiex aktar bżonn it-trapjant tal-fwied. It-tarbija l-lum għandha ħames snin, u hi b'saħħitha.

F'Lulju 2002, sena wara l-fejqan, it-Tribunal Ekkleżjastiku ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, taħt it-tmexxija ta' Mons Arthur Said Pullicino, ta bidu għall-Proċess Djoċesan biex jistudja l-każ u jara jekk għandux ikun ippreżentat lill-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin.

Fl-elaborazzjoni tal-każ, it-Tribunal sema' għadd ta' xhieda, megħjun mill-esperti mediċi Dr Alfred Caruana Galizia u Dr Simon Attard Montalto. Fost oħrajn, it-Tribunal sema' wkoll ix-xiehda ta' Profs. Dr Anil Dhawan minn King's College Hospital, li kkonferma li ma kien hemm ebda spjegazzjoni xjentifika għall-fejqan tat-tarbija.

Il-Proċess Djoċesan ingħalaq uffiċjalment is-Sibt, 19 ta' Ġunju 2004, waqt konċelebrazzjoni li saret fil-KonKattidral ta' San Ġwann, il-Belt. Waqt il-konċelebrazzjoni, Mons Ġużeppi Mercieca ffirma d-dokumenti tal-każ, flimkien mal-membri tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Dawn id-dokumenti kienu ssiġillati u ntbagħtu Ruma.

Fis-17 ta' Diċembru 2004, il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin iddeċidiet li l-proċess li sar Malta kien validu. It-tobba esperti tal-

Kongregazzjoni taw il-pariri pożittiv tagħhom waqt il-Konsulta Medika tat-23 ta' Frar 2006. Il-Kungress tat-Teoloġi ddiskuta l-każ nhar it-30 ta' Ottubru 2006. It-teoloġi tal-Kongregazzjoni esprimew il-parir favorevoli tagħhom. Id-dokumentazzjoni kollha ġiet imressqa għall-istudju u d-diskussjoni tal-Kardinali u l-Isqfijiet li taw il-verdett pożittiv tagħhom nhar id-9 ta' Jannar 2007.

10 ta' Jannar 2007

## Il-Kappillani jiddiskutu l-Missjoni tagħhom bħala Rgħajja

Il-Kappillani Maltin bejn is-16 u t-18 ta' Jannar 2007 se jingħabru f'*live in* fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, tal-Virtu', Rabat, għal riflessjoni annwali li din id-darba se tiffoka fuq it-tema "Rgħajja skond qalbi".

Fl-ewwel jum tal-*live in*, Fr. Arthur Vella S.J. se jitkellem fuq il-Kappillan bħala l-bniedem ta' Alla. Il-programm tal-ġurnata jinkludi Quddiesa li se titmexxa minn Mons. Arċisqof-Elett Pawl Cremona O.P., fl-4.00 p.m. Wara l-Quddiesa, Dun Frans Abdilla jirtkellem dwar il-kappillan bħala animatur spiritwali.

Fit-tieni jum tal-laqgħat, Dun Anton Gouder, Rettur tas-Seminarju, jitkellem dwar il-kappillan fir-relazzjoni tiegħu mal-Isqof, mal-Kurja, ma' l-Unita' Pastorali u mas-saċerdoti. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca jmexxi Quddiesa, fl-4.00 p.m. Wara l-Quddiesa, is-Sinjuri Andrè u Sonia Camilleri, u s-Sur Sammy Borg, jitkellmu dwar il-Kappillan f'kollaborazzjoni mal-lajċi.

Fit-tielet u l-aħħar jum tal-*live in,* Mons. Victor Grech, Dr. Anna Vella u s-Sur Matthew Agius jitkellmu dwar il-Kappillani u r-relazzjonijiet ma' l-imbegħdin u l-imwarrbin.

Il-*live in* jingħalaq biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

Il-programm tal-*live in* jinkludi laqgħat ta' diskussjoni fi gruppi żgħar, barra dawk fil-grupp kollu.

12 ta' Jannar 2007

## Tliet tined kbar għall-Funzjonijiet ta' l-Ordinazzjoni Episkopali

Għall-funzjonijiet ta' nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 25 u 26 ta' Jannar 2006, fl-okkażjoni ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., se jkun hemm tliet tined kbar għan-nies li ma jkunx hemm post għalihom fil-Kattidral u fil-KonKattidral.

Tinda li se jkun hemm quddiem il-Kattidral ta' l-Imdina fl-okkażjoni tal-Velja ta' Talb ta' nhar il-Ħamis li ġej, jiġifieri lejlet l-Ordinazzjoni Episkopali u l-jum li fih Mons. Cremona jiċċelebra għeluq il-61 sena tiegħu, se tkun takkomoda 900 ruħ bilqegħda.

Għal Jum l-Ordinazzjoni se jkun hemm żewġ tined fil-belt Valletta. Tinda minnhom se tkun quddiem il-KonKattidral. Din tista' takkomoda 864 persuna bilqegħda. Id-dħul għal din it-tinda jkun bil-biljett, bħalma se jkun id-dħul għall-KonKattidral. Tinda oħra se tkun quddiem il-Palazz tal-President. Din takkomoda 2500 persuna bilqegħda. Id-dħul f'din it-tinda se jkun mingħajr biljett.

Fit-tliet tined se jkun hemm *screens* kbar, jitqassmu l-istess kotba li jitqassmu fil-knisja, u jkun hemm animatur biex jgħin lill-ġemgħa fil-kant.

Sadattant, fl-okkażjoni ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Pawl Cremona O.P. nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar 2007, fil-knejjes kollha f'nofsinhar se tindaqq mota ta' kwarta. Fl-istess jum, fil-knejjes se jinxtegħlu l-frontispizji u s-Slaleb minn inżul ix-xemx sal-11.00 p.m.. Fil-knejjes li għandhom arblu f'Jum l-Ordinazzjoni se jittajru l-bnadar tal-Papa u ta' Malta.

22 ta' Jannar 2007

## Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl

Iċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru fil-Kattidral ta' l-Imdina fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl, se jibdew is-Sibt, 27 ta' Jannar. Fil-5.45 p.m. issir it-Translazzjoni tar-Relikwija ta' San Pawl. Fis-6.00 p.m. tibda Quddiesa bl-Ewwel Għasar Pontifikali.

Il-Ħadd, 28 ta' Jannar, fid-8.55 a.m., jitkanta t-Talb ta' Sbieħ il-Jum. Fid-9.30 a.m. tibda Quddiesa Pontifikali Konċelebrata, presjeduta minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. Il-Quddiesa tal-11.00 a.m. issir fil-Knisja tal-Karmnu, l-Imdina.

Il-programm fil-Kattidral ikompli fis-5.00 p.m. bit-Tieni Għasar Kantat, Repożizzjoni tar-Relikwija ta' San Pawl u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-6.00 p.m. tibda Quddiesa.

25 ta' Jannar 2007

# L-ewwel ħatriet ta' l-Arċisqof Pawl Cremona O.P.

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. ħatar lil Mons. Isqof Annetto Depasquale bħala Vigarju Ġenerali u lil Dun Anton Gouder bħala Pro-Vigarju tiegħu. Il-Vigarju Ġenerali huwa maħtur mill-Arċisqof biex jgħinu fit-tmexxija tad-djoċesi. Il-Pro-Vigarju Ġenerali, min-naħa tiegħu, huwa maħtur mill-Arċisqof biex jgħin lill-Vigarju Ġenerali fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu.

Mons Depasquale twieled Ħal Qormi fit-28 ta' Ġunju 1938 u ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' April 1962. Wara l-ordinazzjoni tiegħu, Mons. Depasquale mar jistudja l-Liġi Kanonika f'Ruma. Meta rritorna Malta, beda jgħallem il-Liġi tal-Knisja fl-Universita' ta' Malta u jagħti servizz fil-Pastoral Research Services ta' l-Arċidjoċesi. Beda wkoll jagħti servizz saċerdotali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi. Fis-6 ta' Awissu 1977 inħatar Kanċellier tal-Kurja ta' l-Arċisqof. Fil-11 ta' Jannar 1980 ġie nominat Monsinjur. Fl-14 ta' April 1986 inħatar Segretarju Pastorali. Fid-9 ta' Jannar 1989, Mons. Depasquale sar Vigarju Ġenerali ta' Mons. Arċisqof Mercieca, waqt li fit-2 ta' Jannar 1999 ġie konsagrat Isqof u sar ukoll Awżiljarju.

Dun Anton Gouder twieled l-Isla fis-16 ta' Novembru 1951. Huwa ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Ġunju 1977. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet bħala Viċi-Parroku fl-Isla. Fl-1983 sar kappillan tal-Parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Fit-2 ta' Awissu 1989 huwa ġie nominat Segretarju Pastorali. F'Settembru 2001 sar Rettur tas-Seminarju.

**Rettur tas-Seminarju**

Bħala suċċessur ta' Dun Anton Gouder fil-kariga ta' Rettur tas-Seminarju, Mons. Arċisqof Cremona ħatar lil Dun Jimmy Bonnici. Dun Jimmy, li huwa mill-Mosta, twieled fil-25 ta' Mejju 1972 u ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Ġunju 1998. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet ta' assistent tal-Kappillan tal-Parroċċa ta' l-Imġarr (1998-2000)

u Direttur tal-Propadewtiċi, jiġifieri dawk li jkunu qed jitħejjew biex jidħlu s-Seminarju Maġġuri (1999-2000). F'Ottubru 2000 mar jistudja fl-Università Gregorjana, Ruma. F'Diċembru 2004 kiseb Dottorat fit-Teoloġija Spiritwali. Meta rritorna Malta, sar id-Direttur tal-Propadewtiċi fis-Seminarju Maġġuri. Beda wkoll jagħti servizz pastorali fiż-żona Ta' Mlit, Mosta. Kien ukoll is-Segretarju tal-Kunsill Presbiterali u s-Segretarju tal-Kummissjoni għas-saċerdoti żgħażagħ.

Mons. Arċisqof Cremona kkonferma lill-Imħallfin preżenti tat-Tribunal Ekkleżjastiku għall-ħames snin li ġejjin. L-uffiċċjali li bħalissa għandhom uffiċċju jew kariga fl-Arċidjoċesi ta' Malta ġew konfermati fil-karigi tagħhom, sakemm l- Arċisqof ma jiddisponix mod ieħor.

27 ta' Jannar 2007

# Attivitajiet ta' l-Arċisqof Cremona

L-ewwel attività ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. wara l-ordinazzjoni episkopali tiegħu se tkun iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-Kattidral ta' l-Imdina, is-Sibt u l-Ħadd, 27 u 28 ta' Jannar 2007. Is-Sibt, fil-5.45 p.m., issir it-Translazzjoni tar-Relikwija ta' San Pawl, waqt li fis-6.00 p.m. tibda Quddiesa bl-Ewwel Għasar Pontifikali. Il-Ħadd, fid-8.55 a.m., jitkanta t-Talb ta' Sbieħ il-Jum. Fid-9.30 a.m. tibda Quddiesa Pontifikali Konċelebrata, presjeduta minn Mons. Cremona.

Il-Ħadd filgħaxija, Mons. Arċisqof se jkollu wkoll laqgħa mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Kunvent tagħhom f'tas-Sliema.

It-Tnejn li ġej, fid-9.00 a.m., Mons. Arċisqof Cremona jagħmel żjara fl-Isptar San Luqa.

L-Erbgħa, 31 tax-xahar, Mons. Arċisqof jiltaqa' ma' l-anzjani fis-Santwarju ta' Santa Tereża, Birkirkara. Il-programm jibda fl-9.45 a.m.

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Frar, fil-5.30 p.m., Mons. Arċisqof jiltaqa' mar-reliġjużi fis-Sala Santa Monika, Birkirkara. Il-laqgħa se ssir fl-okkażjoni ta' Jum ir-Reliġjużi u l-Membri ta' Ħajja Konsagrata.

Il-Ġimgħa, 2 ta' Frar, issir il-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, magħrufa bħala l-Festa tal-Kandlora, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.00 p.m.. Mons. Arċisqof imexxi Konċelebrazzjoni li matulha se jkollu l-okkażjoni jiltaqa' mal-persuni li jibbenefikaw mis-servizzi tal-Knisja.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Frar, Mons. Arċisqof Cremona jiltaqa' mal-familja fit-Tinda l-Kbira f'Ta' Qali, fit-3.30 p.m.

27 ta' Jannar 2007

## L-Ordinazzjoni Episkopali ta' l-Arċisqof Cremona
## IL-KUMITAT ORGANIZZATTIV JIRRINGRAZZJA

Il-Kumitat Organizzattiv ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. jrid jirringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu biex din il-ġrajja kbira fil-ħajja tal-Knisja u tal-poplu tagħna kienet esperjenza mill-aqwa għal kulħadd.

Il-Kumitat Organizzattiv jirringrazzja wkoll lill-poplu kollu għas-sentimenti mill-isbaħ u ta' ferħ kbir li bihom laqa' lil Mons. Arċisqof Cremona.

Il-Kumitat japprezza wkoll is-sehem kbir li taw il-media f'pajjiżna biex din il-ġrajja setgħet tasal fil-qlub u d-djar tal-familji f'artna.

27 ta' Jannar 2007

## 1,587 żwieġ fil-Knisja f'Malta fis-Sena 2006

In-numru ta' żwiġijiet fil-Knisja li ġew reġistrati fl-Arċidjoċesi ta' Malta għas-sena 2006 kien 1,587. 1,411 żwieġ kienu bejn Maltin. Iż-żwiġijiet bejn il-Maltin kienu jinkludu persuna Kristjana, imma mhux Kattolika.

Kien hemm ukoll 85 żwieġ bejn Maltin u barranin. Dawn kienu mqassmin hekk: 35 żwieġ bejn Kattoliċi Maltin u Kattoliċi barranin; 28 bejn Kattoliċi Maltin u Insara mhux Kattoliċi barranin; 22 żwieġ ta' Maltin ma' barranin li mhumiex Insara. Tliet żwiġijiet oħrajn kienu ta' Maltin li qed jgħixu f'pajjiżi oħra. Kien hemm ukoll 88 żwieġ bejn persuni barranin.

Il-85 persuni barranin li fl-2006 ingħaqdu fi żwieġ fil-Knisja ma' persuni Maltin kienu 52 irġiel u 33 nisa, minn 34 pajjiż differenti. In-numru minn kull pajjiż huma: Ingilterra - 18; Italja – 9; Stati Uniti ta' l-Amerika – 6; Ċina u Rumanija – 4; Marokk, Olanda, Serbja, Turkija – 3; Awstralja, Belġju, Bosnja Herzegovina, Franza, Ġermanja, Indja, Ukrajna – 2; Albanija, Awstrija, Belarus, Bulgarija, Danimarka, Estonja, Filippini, Irlanda. Kanada, Latvja, Libja, Niġerja, Norveġja, Russja, Slovenja, Svezja, Tajlandja, Wales,

L-iktar xhur li fihom kien hemm żwiġijiet kienu Ġunju (261), Mejju (208) u Settembru (176). Ix-xahar li fih saru l-inqas żwiġijiet kien Jannar (24). Kien hemm 55 żwieġ li ġew konvalidati. Dawn kienu hekk: 44 wara inqas minn 1-5 sena; 7 wara 6-10 sena; 2 wara 11-15 sena; 2 – wara 16-20 sena. Żwieġ konvalidat ifisser żwieġ li ma jkunx sar fil-Knisja u li maż-żmien il-koppja titlob li jsir bil-Knisja.

Fl-2006 kien hemm 37 armel/armla li reġgħu żżewġu, kif ukoll 21 persuna li reġgħu żżewġu wara li l-ewwel żwieġ tagħhom ġie dikjarat null. Fl-istess sena kien hemm żewġ koppji li kkanċellaw ir-reġistrazzjoni tagħhom biex jiżżewġu. L-informazzjoni nġabret mill-Uffiċċju lwiġijiet tal-Kurja ta' l-Arċisqof. Hija ma tinkludix iż-żwiġijiet li saru fid-Djoċesi ta' Għawdex.

31 ta' Jannar 2007

## Monsinjuri ġodda tal-Kapitlu Metropolitan

Ħames Monsinjuri Effettivi ġodda tal-Kapitlu Metropolitan se jieħdu l-pussess f'ċerimonja li se ssir nhar il-Ħadd, 11 ta' Frar 2007, fil-5.00 p.m., fil-Kattidral, l-Imdina.

Il-Kanonċi l-ġodda tal-Kapitlu Metropolitan huma: Monsinjur Joseph Bugeja, Monsinjur Louis Camilleri, Monsinjur Tarcisio Delicata, Monsinjur Carmelo Farrugia u Monsinjur Salvinu Micallef . Magħhom se jingħaqdu ż-żewġ Kanonċi Onorarji ta' l-istess Kapitlu Metropolitan, Monsinjur Carmelo Aquilina u Monsinjur Norrie Bonavia.

Il-monsinjuri l-ġodda kienu nominati minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Iċ-Ċerimonja tal-Pussess se titmexxa minn Mons. Carmel Zammit, Kanċillier tal-Kurja ta' l-Arċisqof. Fiha jinqara d-digriet ta' l-Arċisqof Mercieca, il-monsinjuri l-ġodda jingħataw l-ilbies ċerimonjali tagħhom, u jieħdu posthom fil-kor tal-Kattidral. F'għeluq iċ-ċerimonja jitkanta Te Deum.

Il-Kapitlu tal-Kattidral hu magħmul minn ħames dinjitarji, inkluż il-Kantur, u 25 kanoniku.

Il-Kapitlu għandu żewġ taqsimiet, waħda għall-Kattidral ta' l-Imdina u l-oħra għall-KonKattidral ta' San Ġwann.

03 ta' Frar 2007

## Indulġenza Plenarja għal Jum il-Morda

Is-Santa Sede ppubblikat Digriet tal-Penitenzerija Appostolika fejn tħabbar li qed tiġi konċessa indulġenza plenarja lil dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji tal-Morda, kif ukoll lill-pazjenti u lil dawk li jieħdu ħsiebhom, jew li jingħaqdu magħhom spiritwalment.

L-attività prinċipali għal dan il-jum, li jiġi ċelebrat fil-11 ta' Frar, Festa tal-Madonna ta' Lourdes, din is-sena se ssir f'Seoul, il-Korea t'Isfel. F'Malta ċ-ċelebrazzjoni se ssir fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta, fis-6.30 p.m.

Id-digriet ta' l-indulġenza jispjega li l-Knisja tixtieq ħafna li l-osservanza annwali tal-Jum Dinji tal-Morda jsir katekeżi effettiva tat-tagħlim fuq il-valur u l-funzjoni ta' l-uġigħ.

L-induġenza plenarja qed tingħata bil-kundizzjonijiet tas-soltu - iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti tal-Qrar u ta' l-Ewkaristija, u talb skond il-fehma tal-Papa – kif ukoll bl-ispirtu meħlus għal kollox minn kull dnub, lil dawk li jieħdu sehem b'devozzjoni fil-funzjonijiet fil-Korea t'Isfel u fi kwalunkwe post ieħor fejn issir ċerimonja sagra b'talb lil Alla skond l-għanijiet tal-Jum Dinji tal-Morda.

Il-membri tal-Knisja li jassistu l-morda b'imħabba fl-isptarijiet pubbliċi jew fi djar privati, u li minħabba s-servizz tagħhom ma jistgħux jieħdu sehem fiċ-ċerimonja li ssir fl-okkażjoni ta' Jum il-Morda, ikunu jistgħu jiksbu l-istess don ta' indulġenza plenarja. Dan jekk f'dan il-jum huma jagħtu b'ġenerożità almenu siegħa mill-assistenza karitatevoli tagħhom lill-morda daqslikieku l-marid kien Kristu nnifsu, waqt li l-ispirtu tagħhom ikun imbiegħed minn kull dnub u jkollhom l-intenzjoni li jwettqu, kmieni kemm jista' jkun, il-kundizzjonijiet meħtieġa biex wieħed jikseb l-indulġenza plenarja.

Id-digriet jgħid ukoll li l-membri tal-Knisja li minħabba l-mard, età kbira jew xi raġuni oħra simili ma jistgħux jieħdu sehem fiċ-ċerimonja ta'

Jum il-Morda, ikunu jistgħu jiksbu l-indulġenza plenarja bil-kundizzjoni li l-ispirtu tagħhom ikun imbiegħed minn kull dnub u jkollhom l-intenzjoni li jwettqu, kmieni kemm jista' jkun, il-kundizzjonijiet tas-soltu biex wieħed jikseb l-indulġenza plenarja. Dan jekk f'għaqda mal-Papa huma jingħaqdu spiritwalment b'xewqathom maċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Morda u joffru t-tbatija fiżika u spiritwali tagħhom lil Alla, permezz ta' Marija, "Saħħa tal-Morda'.

Id-digriet jikkonċedi wkoll l-indulġenza plenarja lil dawk kollha li, bejn id-9 u l-11 ta' Frar, b'qalb ħerqana jitolbu lill-ħanin Alla skond l-intenzjonijiet tal-Jum Dinji tal-Morda.

09 ta' Frar 2007

## Jum il-Lajċi Nsara 2007

Fuq ix-xewqa ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., it-tema għal Jum il-Lajċi Nsara 2007, li se jiġi ċċelebrat fi tmiem din il-ġimgħa, se tkun, "Ħejju t-Triq għall-Mulej", l-istess kliem tal-motto tal-Episkopat ta' l-Arċisqof.

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Lajċi Nsara se ssir laqgħa ma' Mons. Arċisqof Cremona, nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, fl-Istitut Kattoliku, Floriana, fis-6.30 p.m. Din il-laqgħa se tkun għal-lajċi membri fl-għaqdiet u l-movimenti reliġjużi, u għal-lajċi impenjati fil-ħidma pastorali fil-parroċċi, fil-ħidma f'kunsilli, segretarjati u kummissjonijiet djoċesani, fl-amministrazzjoni fil-Kurja ta' l-Arċisqof, u fil-gruppi għall-implimentazzjoni tas-Sinodu Djoċesan.

Jum il-Lajċi Nsara jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 18 ta' Frar. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Jum għandha messaġġ għal-Lajċi Nsara kollha. Il-Jum jiġi mfakkar waqt il-Quddiesa tal-Ħadd.

13 ta' Frar 2007

## L-Arċisqof jibda ż-żjarat fl-Unitajiet tal-Parroċċi

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar il-Ħadd li ġej, 18 ta' Frar 2007, se jibda ż-żjarat tiegħu fis-Sittax-il Unità tal-Parroċċi fl-Arċidjoċesi. L-ewwel laqgħa se tkun ma' Unità 10, li tħaddan fiha l-Parroċċa ta' Balluta u l-erba' Parroċċi ta' Tas-Sliema: Ġesù Nazzarenu, Sacro Cuor, San Girgor u Stella Maris.

L-attività tibda fit-3.30 p.m., meta t-tfal jinġabru fi Pjazza Balluta. Mons. Arċisqof jasal fl-3.45 p.m. Il-programm ta' merħba jinkludi diskors f'forma ta' djalogu bejn ħamest itfal. Wara tibda l-mixja lejn il-Knisja tal-Balluta, fejn ikun hemm is-sacerdoti tal-Parrocci ta' l-Unità.

Id-diskors ta' merħba fil-Knisja Parrokkjali tal-Balluta jsir mill-Moderatur tal-Unità, is-Sur Joe Gatt. Il-programm jinkludi talb, riflessjonijiet dwar it-tfal u ż-żgħażagħ, il-familja, l-anzjani u l-vokazzjonijiet, bis-sehem ta' rappreżentanti mill-parroċċi fl-unità.

Lejn tmiem il-programm jitkellem Mons. Arcisqof Cremona.

16 ta' Frar 2007

## Bidu tar-Randan Imqaddes

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar, il-Knisja tagħti bidu għar-Randan Imqaddes: erbgħin jum ta' talb u penitenza speċjali ta' tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tal-Passjoni, tal-Mewt u tal-Qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Fiż-żmien tar-Randan, b'mod speċjali, il-Knisja tħeġġeġ ħafna lill-membri tagħha għall-qari tal-Kelma ta' Alla u biex jieħdu sehem fl-Eżerċizzi Spiritwali.

Bħala gwida dwar ċaħda personali u ta' karità, il-Konferenza Episkopali Maltija tqiegħed quddiem il-membri tal-Knisja għadd ta' opri tajba biex jagħżlu minn fosthom dawk li l-iktar jiswewlhom sagrifiċċju.

Dawn l-opri tajba jinkludu s-sehem fil-Quddies nhar ta' xogħol, l-astinenza minn xorb alkoħoliku, li dak li jkun ma jpejjipx, u ċaħda minn xi divertiment. Opri oħrajn huma l-Via Sagra, it-talb mal-familja bħal bir-Rużarju, tnaqqis fl-infiq u żieda fil-karità ma' min hu fil-bżonn, u żjarat lill-morda jew xjuħ li huma waħedhom.

F'Ras ir-Randan u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, kull min għalaq it-18-il sena u għadu ma daħalx fis-60 sena u mhux skużat minn xi raġuni serja, għandu d-dmir li jsum. Fl-istess ġranet, kull min għalaq l-14-il sena għandu l-obbligu li jastjeni milli jiekol laħam jew ikel ieħor li jogħġbu ħafna.

Filwaqt li jinkuraġġixxu l-penitenza speċjali fiż-żmien tar-Randan, l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi jixtiequ jfakkru li, fil-Knisja, fost il-jiem u ż-żminijiet tal-penitenza hemm il-Ġimgħat kollha ta' matul is-sena.

19 ta' Frar 2007

## Funzjoni ta' l-Erbgħa ta' Rmied

Fl-okkażjoni ta' l-Erbgħa ta' Rmied u l-bidu tar-Randan Imqaddes, nhar l-Erbgħa, l-21 ta' Frar 2007, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.30 p.m., Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. se jmexxi Quddiesa Konċelebrata, li fiha jsir ir-rit tradizzjonali tat-tberik u tqegħid ta' l-irmied. Mons. Arċisqof jikkonċelebra mal-Kapitlu tal-Kattidral. Il-funzjoni se tkun animata mill-komunitajiet tal-Mixja Katekumenali tal-Mosta u tal-Ħamrun (Parroċċa tal-Kunċizzjoni), li kienu l-ewwel żewġ komunitajiet tal-Mixja li twaqqfu f'Malta.

19 ta' Frar 2007

## Seminar dwar ix-xogħol

Il-Kummissjoni Ħidma Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol, f'isem Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., qed tistieden lill-Imsieħba Soċjali għal Seminar bit-tema: "Xogħol . . . Progress . . . Xi Prezz?"

Is-seminar se jsir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar 2007, fiċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni, Triq Sommier, Birkirkara mid-8.45 am san-12.30 pm

Il-programm jibda b'introduzzjoni minn Patri William Bartolo OFM Konv, *Chairperson* tal-Kummissjoni Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol.

Il-kelliema se jkunu Dun Mark Sultana, *Visiting Lecturer* tal-Filisofija, u s-Sinjura Carmen Delia, Ekonomista.

Mons. Arċisqof Cremona jagħti messaġġ.

19 ta' Frar 2007

# Konċistorju għall-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca

Mons. Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca u Mons. Isqof Mario Grech se jattendu għall-Konċistorju tal-Kardinali imsejjaħ mill-Papa Benedittu XVI għal nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar 2007, biex il-Kardinali jesprimu l-parir tagħhom dwar il-kanonizazzjoni ta' ħames beati, fosthom il-Beatu Ġorġ Preca, saċerdot djoċesan Malti, fundatur tas-Soċjetà għad-Duttrina Nisranija, MUSEUM.

Persuni oħrajn li se jmorru Ruma għall-Konċistorju jinkludu lil Mons. Arthur Said Pullicino, Vigarju Ġudizzjali, u diriġenti tal-MUSEUM.

Fil-jum tal-Konċistorju, nhar il-Ġimgħa, Mons. Arċisqof Cremona ordna li fil-knejjes kollha tindaqq mota ta' kwarta f'nofsinhar u li filgħaxija jinxtegħlu l-faċċati tal-knejjes.

Mons. Arċisqof ta wkoll permess lis-saċerdoti biex nhar il-Ġimgħa jkunu jistgħu jqaddsu l-Quddiesa votiva tal-Beatu Ġorġ Preca (li tintuża fil-memorja liturġika tad-9 ta' Mejju).

Ċirkulari tal-Kurja ta' l-Arċisqof tgħid ukoll li huwa xieraq li l-Ħamis 22 ta' Frar jew il-Ġimgħa 23 ta' Frar issir adorazzjoni b'ringrazzjament lil Alla u li fiha jintuża talb tal-Beatu Ġorġ Preca.

"Filwaqt li nirringrazzjaw lill-Mulej ta' dan is-sinjal tant qawwi ta' l-imħabba tiegħu għalina, inħeġġu lill-poplu Malti kollu biex ikompli jitħejja għall-kanonizazzjoni ta' Dun Ġorġ bi spirtu ta' fidi u għaqda," tgħid iċ-ċirkulari.

20 ta' Frar 2007

## Ħames Kandidati ġodda għas-Saċerdozju

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2007, se jmexxi Ċelebrazzjoni Ewkaristika li fiha ħames seminaristi se jitolbu lill-Knisja tilqagħhom b'mod uffiċjali fost il-kandidati tagħha għall-Ordinazzjoni tad-Djakonat u tal-Presbiterat. Din il-konċelebrazzjoni se ssir fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, fis-6.00p.m. Il-ħames seminaristi, li jinsabu fil-ħames sena tal-kors tas-Seminarju, huma: Nicholas Doublet minn Birkirkara (Sant'Elena), Keith Scicluna minn Ħaż-Żabbar, Luke Seguna minn Ħal Tarxien, Andrea Zaffarese u Ronnie Zammit minn Ħ' Attard. Il-Kandidatura timmarka pass importanti ħafna fil-mixja ta' dawn iż-żgħażagħ lejn is-saċerdozju. F'isem il-Knisja, l-Isqof jilqa' t-talba tagħhom biex uffiċjalment huma jsiru kandidati għall-Ordni Sagri, waqt li jippreżentahom lill-komunità nisranija biex din issostnihom bit-talb tagħha, u ma tieqaf qatt titlob lil Sid il-ħsad biex jibgħat aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħu.

22 ta' Frar 2007

## Żjara ta' l-Arċisqof Cremona f'Għawdex

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., is-Sibt, 24 ta' Frar 2007, se jagħmel żjara pastorali fid-Djoċesi ta' Għawdex. L-ewwel parti taż-żjara se tkun nofs ta' nhar Irtir tar-Randan li Mons. Arċisqof se jmexxi għas-saċerdoti fiċ-Ċentru Pastorali "Ragħaj it-Tajjeb', Victoria. Wara l-irtir, Mons. Arċisqof ikun il-mistieden ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, għal ikla mas-saċerdoti tad-Djoċesi ta' Għawdex. Mons. Arċisqof se jkollu wkoll laqgħa ma' grupp ta' studenti mill-Universita' tat-Tielet Eta' f'Għawdex. Il-laqgħa se ssir fiċ-Ċentru Pastorali 'Ragħaj it-Tajjeb", fil-5.00 p.m. Mons. Arċisqof se jmexxi wkoll Konċelebrazzjoni fil-Kattidral ta' Għawdex, fis-6.00 p.m.

23 ta' Frar 2007

# L-Arċisqof se jattendi Kungress ta' l-Isqfijiet dwar valuri għall-Ġejjieni ta' l-Ewropa

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. se jattendi Kungress dwar il-valuri u l-perspettivi għall-ġejjieni ta' l-Ewropa, li se jiġi organizzat f'Marzu mill-Kummissjoni tal-Konferenzi Episkopali ta' l-Isqfijiet tal-Komunità Ewropea (COMECE).

Il-Kungress se jsir f'Ruma mit-23 sal-25 ta' Marzu 2007, biex jikkommemora l-50 anniversarju minn meta ġew iffirmati t-Trattati ta' Ruma, li bis-saħħa tagħhom saru l-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kungress mistennija jattendu madwar 400 parteċipant minn madwar l-Ewropa kollha.

Il-Kungress jiftaħ bil-preżentazzjoni ta' rapport imsejjaħ "Ewropa ta' valuri", imħejji minn grupp ta' ħassieba ewlenin li l-COMECE laqqgħet apposta f'Settembru li għadda.

Il-ħsieb hu li fil-laqgħat l-Insara jidentifikaw il-valuri bażiċi tagħhom infushom u jikkonfermaw dawk il-valuri li sawwru l-proċess ta' l-unifikazzjoni Ewropea mill-bidu tagħha. Il-ħsieb hu wkoll li dawn il-valuri jiġu mġedda sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' twieġeb għal dak li ċ-ċittadini tagħha u l-bqija tad-dinja qed jistennew minnha.

Il-Kungress mistenni jadotta messaġġ biex jingħata lill-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet li se jiltaqgħu fil-25 ta' Marzu 2007.

24 ta' Frar 2007

# Kjarifika ta' l-Arċisqof dwar iż-Żjara fl-Università ta' Malta

Fid-dawl ta' ċerti kummenti li saru f'xi taqsimiet tal-media, Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. jrid jgħid li huwa bl-ebda mod ma ħassu mbarazzat jew mhedded fil-mument ta' djalogu li kellu fl-*Assembly Hall* ta' l-Università ta' Malta nhar il-Erbgħa, 21 ta' Frar 2007.

Mons. Arċisqof iħoss li l-mistoqsijiet kollha li saru kienu r-riżultat ta' preokkupazzjonijiet sinċieri, u huwa jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem u għamlu mistoqsijiet.

Mons. Cremona jħoss ukoll li kienet grazzja li huwa kellu l-okkażjoni jżur l-Università, u jrid irodd ħajr lil kulħadd għall-merħba sabiħa li ngħata – lir-Rettur u l-istaff, inkluż dak tekniku, kif ukoll lill-istudenti.

26 ta' Frar 2007

# Pellegrinaġġi u Ċelebrazzjonijiet penitenzjali ta' żmien ir-Randan

Matul ir-Randan 2007, Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. se jmexxi tliet pellegrinaġġi penitenzjali u tliet ċelebrazzjonijiet penitenzjali.

L-ewwel pellegrinaġġ tar-Randan bħas-soltu kien dak magħruf bħala ta' "Ħadd in-Nies" f'Ħaż-Żabbar, li sar il-Ħadd li għadda, 25 tax-xahar.

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Marzu, fis-6.30 p.m., Mons. Arċisqof se jmexxi ċelebrazzjoni penitenzjali fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Mons. Cremona se jagħmel katekeżi fuq is-silta tal-Vanġelu dwar l-Iben il-Ħali. Ikun hemm ukoll mumenti ta' qrar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fil-jum tal-Ġimgħa, 9 ta' Marzu, fis-6.30 p.m., Mons. Cremona se jmexxi ċelebrazzjoni penitenzjali fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta. Dakinhar, il-katekeżi ta' Mons. Arċisqof tkun fuq is-silta mill-Vanġelu dwar il-laqgħa ta' Ġesù ma' l-adultera.

Nhar il-Ġimgħa,16 ta' Marzu, fis-6.00 p.m., isir il-pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur, fl-Isla. Wara l-pellegrinaġġ, Mons. Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Bażilika ta' l-Isla.

Fil-jum tal-Ġimgħa, 23 ta' Marzu, fis-6.30 p.m., issir ċelebrazzjoni penitenzjali fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi. Mons. Arċisqof jagħmel katekezi dwar l-istqarrija ta' mħabba ta' Pietru lil Ġesù.

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Marzu, Mons. Arċisqof se imexxi l-proċessjoni ta' Jum id-Duluri, bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri, fil-belt Valletta.

Fil-jum ta' l-Erbgħa, 4 ta' April, Mons. Cremona se jmexxi Via Crucis Nazzjonali li se ssir fl-Isptar Monte Carmeli, H'Attard.

26 ta' Frar 2007

**LIBRERIJA PUBBLIKA**
**TAL-KATIDRAL**
**TRIQ QASAM SAN GORG**
**VICTORIA GOZO**
**TEL. 21560479**

**ikompli mill-qoxra ta' barra**

## STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA


Stemma ta' Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, O.P. .......... 95
Quddiesa ta' Radd il-Ħajr
f'Għeluq is-servizz ta' l-Arċisqof Mercieca .......... 96
Kappillan ġdid fil-Kalkara .......... 97
Il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin tapprova
l-miraklu għall-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca .......... 98
Il-Kappillani jiddiskutu l-missjoni tagħhom bħala rgħajja .......... 101
Tliet tined kbar għall-funzjonijiet
ta' l-Ordinazzjoni Episkopali .......... 102
Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl .......... 103
L-ewwel ħatriet ta' l-Arċisqof Pawl Cremona O.P. .......... 104
Attivitajiet ta' l-Arċisqof Cremona .......... 106
L-Ordinazzjoni Episkopali:
il-Kumitat Organizzattiv jirringrazzja .......... 107
1,587 żwieġ fil-Knisja f'Malta fis-sena 2006 .......... 108
Monsinjuri ġodda tal-Kapitlu Metropolitan .......... 109
Indulġenza Plenarja għal Jum il-Morda .......... 110
Jum il-Lajċi Nsara .......... 112
L-Arċisqof jibda żjarat fl-unitajiet tal-Parroċċi .......... 113
Bidu tar-Randan Imqaddes .......... 114
Funzjoni ta' l-Erbgħa ta' Rmied .......... 115
Seminar dwar ix-xogħol .......... 115
Konċistorju għall-Kanonizazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca .......... 115
Ħames kandidati ġodda għas-saċerdozju .......... 116
Żjara ta' l-Arċisqof Cremona f'Għawdex .......... 117
L-Arċisqof se jattendi Kungress ta' l-Isqfijiet
dwar valuri għall-ġejjieni fl-Ewropa .......... 117
Kjarifika ta' l-Arċisqof dwar
iż-żjara fl-universita' ta' Malta .......... 119
Pellegrinaġġi u ċelebrazzjonijiet
penitenzjali ta' żmien ir-Randan .......... 120

# WERREJ

## MILL-KNISJA UNIVERSALI

World Day Of Peace 2007
– Message of Pope Benedict XVI .......... 5
Pope Benedict to the Roman Curia .......... 15
Pope Benedict on Ash Wednesday .......... 29
Address of the Holy Father to the participants
of the Pontifical Academy for Life .......... 34

## DOKUMENTI MILL-KURJA

Jum Dinji tal-Paċi 2007:
Messaġġ ta' L-Arċisqof Mercieca .......... 40
Omelija ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca
fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni
ta' Għeluq is-servizz tiegħu bħala Arċisqof ta' Malta .......... 45
Messaġġ ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca
lill-Miżżewġin Ġodda tas-sena 2006 .......... 50
Messaġġ ta' Monsinjur Mercieca lill-Ġurnalisti .......... 55
Ċirkolari 499: Tmiem il-Ministeru
ta' Monsinjur Mercieca u l-bidu
tal-Ministeru ta' Monsinjur Cremona .......... 59
Ċirkolari 500: daqq tal-qniepen fl-okkażjoni
ta' l-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Cremona .......... 61
Omelija ta' Mons. Mercieca fl-ordinazzjoni
episkopali ta' Mons. Pawl Cremona,O.P. .......... 62
Diskors ta' Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona
fil-Quddiesa ta' l-ordinazzjni tiegħu .......... 66
Messaġġ ta' l-Arċisqof Pawlu Cremona
lill-emigranti ta' l-Awstralja .......... 70
Messaġġ ta' l-Arċisqof Cremona lill-missjunarji Maltin .......... 73
Messaġġ ta' l-Arċisqof Cremona lill-missjunarji Maltin
fl-Amerika ta' Fuq .......... 75
Seminar dwar ix-xogħol:
diskors ta' Monsinjur Arċisqof Cremona .......... 77
Ittra Pastorali għar-Randan 2007 .......... 81
Ċirkolari 1: Talb għax-xita .......... 86
Ċirkoalri 2: Konċistorju għall-Kanonizzazzjoni
tal-Beatu Ġorġ Preca .......... 87
Kummissjoni Djoċesana Ġustizzja u Paċi:
Riflessjoni dwar id-Djar .......... 88

**ikompli fil-qoxra ta' ġewwa**

Xbieha tal-Madonna maħdum mis-sufarini maħruqa minn Saviour Bugeja mill-Imtarfa